**MALTA**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI**

***(Rapport Uffiċjali u Rivedut)***

**L-GĦAXAR PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 19**

**It-Tnejn, 17 ta' Jannar, 2005**

**Stampat fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**Malta**

**Prezz Lm1**

**L-GĦAXAR PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI**

**Laqgħa Nru. 19**

**It-Tnejn, 17 ta’ Jannar, 2005**

**Il-Kumitat iltaqa' fil-Palazz, il-Belt Valletta, fis-6.45 p.m.**

**Talba**

**MINUTI**

*Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 18 li saret nhar, it-Tnejn fl-10 ta' Jannar 2005, ġew konfermati.*

**IL-BIOTEKNOLOĠIJA F'MALTA U D-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM (KONTINWAZZJONI)**

*Il-Kumitat irriżuma mid-29 ta' Novembru, 2004 id-diskussjoni fuq dan is-suġġett*

***THE CHAIRMAN* (Onor. Clyde Puli):** Illum se nkomplu niddiskutu l-bioteknolġija f'Malta u d-drittijiet tal-bniedem. F'din il-laqgħa se jsiru preżentazzjonijiet minn Prof. Mark Brincat, minn Prof. Alfred Cuschieri u minn Dr. Pierre Mallia.

Irrid ngħid li aħna, bħala kumitat dwar l-affarijiet soċjali, diġa` għamilna żewġ laqgħat dwar dan is-suġġett li fihom ipprovajna nieħdu l-ġist ta' l-*issue* li għandna quddiemna. Li nixtiequ mingħandkom huwa li nisimgħu, kif smajna u għad irridu nisimgħu mingħand oħrajn, l-interpretazzjoni tagħkom dwar l-*issues* kurrenti fuq is-suġġett u fejn għandna mmorru minn hawn. Kif tafu hemm suġġeriment li ssir regolamentazzjoni u ovvjament aħna, bħala kumitat, irridu nkunu f'pożizzjoni li nistgħu ngħidu jekk hemmx bżonn issir regolamentazzjoni, u jekk hemm bżonn, kif l-aħjar issir ħalli nagħmlu r-rakmandazzjonijiet tagħna lill-parlament għal-liġi li tkun l-iktar waħda ġusta.

Il-ħsieb tagħna huwa li jkollna madwar nofs siegħa għal kull *presentation* pero' m'aħniex qed nagħmlu xi ċensura fuqha. Jiġifieri jekk naħsbu li jkun hemm bżonn ta' aktar ħin, *by all means* irridu nisimgħu iktar. Fil-każ il-*flow* tkompli fuq il-laqgħa tat-Tnejn li ġej. Naħseb li nista' ngħaddi għall-ewwel mistieden tagħna u għalhekk nitlob lill-Professur Mark Brincat biex jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu dwar is-suġġett.

**PROF. MARK BRINCAT (Professor of Obstetrics and Gynaecology)**: Sur President, l-ewwelnett irrid ngħid li apparti li jiena qiegħed hawn bħala *gynaecologist*, qiegħed hawn ukoll bħala professur u *head of department* ta' l-universita` u direttur - illum direttur l-iktar anzjan fis-sanita' għax iż-żmien jgħaddi - ta' l-*obstetrics* u l-*gynaecology* fil-*Maltese Islands*; l-*official title* huwa *Director for Maternity Services within the Maltese Islands*. Apparti minn hekk nokkupa wkoll il-post ta' *vice president* fil-Malta College u jiena ċ-*chairman* tar-*Representative Committee of the Royal College*. Kont dekan tal-fakulta' għal żewġ terms, kont l-ewwel professur f'mediċina riproduttiva *in the UK* fejn kont appuntat f'Nottingham bejn 1997 u 2001 u *visiting professor* għall-erba' snin ta' wara fejn kont involut intimament ma' l-*assisted reproduction programmes* li kien hemm. Irrid ngħid ukoll li apparti li għandi l-FRCOG għandi wkoll Ph.D *in reproductive endocrinology* speċifikament u l-FRCP mill-*College of Ireland*. Dawk kienu l-affarijiet relevanti tas-CV tiegħi.

Sur President, huwa importanti li ngħid li aħna l-*gynaecologists* ilna ħafna nsegwu dan id-dibattitu u dawn l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' mediċina riproduttiva. Għaliex? Għax aħna nħossu li sa ċertu punt aħna t-tarka tal-*well-being* tan-nisa f'dik li hija saħħa u nħossu li f'ċerti affarijiet li nkunu nafu, li ħafna drabi jkunu kunfidenzjali għax in-nisa u l-koppji ma jkunux jistgħu jitkellmu fil-pubbliku, ma jssirx ġustizzja magħhom kemm fil-kamp ta' kontraċezzjoni kif ukoll fil-kamp ta' l-*issue* sensittiva ħafna ta' l-infertilita`. Id-dibattitu qed ikompli jitwessa` bl-avveniment ta' *stem cells* u rridu noqogħdu ħafna attenti kif se niħħendiljawh. Dan m'huwiex lok ta' *catch phrases* żgħar u lanqas lok ta' negattiviżmu. Kien hawn wisq negattiviżmu. Meta ssegwi dibattiti f'pajjiżi oħrajn tara ċertu aspett pożittiv ħiereġ. Jekk tħares lejn il-*Warnock Committee* tara dejjem l-entusjażmu fuq ix-xjenza - l-entusjażmu huwa d-*driving force* tax-xjenza u tara l-umanita', dik ir-*relationship* ma' min qed isofri. Jiddispjaċini ngħid li ħafna drabi hawnhekk nitilfuh dan l-għan. Il-*gynaecologists* u x-xjenjzati kważi jiġu mpinġija bħala xi *frankensteins*, iħawdu

waħedhom fil-kċina jew f'xi laboratorju u l-għan ewlieni tat-tobba u tax-xjenjzati jiġi mitluf. Aħna tobba kif inhuma tobba l-kardjologi, kif inhuma tobba n-*neurologist*s u kif inhuma tobba tal-mediċina. Aħna branka oħra tal-mediċina u għalhekk inħossuha li meta nagħmlu xi *achievements* minflok niġu mfaħħra, ħafna drabi niġu kkalpestati. Minkejja li naraw kważi kwart tal-popolazzjoni ta' Malta li tgħaddi minn St Luke's dejjem niġu kkritikati. Per eżempju, jekk kellna programm fuq l-kontraċezzjoni li nbeda fil-pajjiż ħafna snin ilu tara ċerta kritika, jekk tara x-xogħol li nagħmlu fuq il-menopawsa u xogħol fuq il-infertilia` ssib li hemm ċerta kritika. Fl-*obstetrics,* jekk nagħmlu *inductions,* jekk nagħmlu ċesarji ssib li hemm ċerta kritka. Qisu ħadd ma juża l-istess kejl li jintuża fil-branki l-oħra tal-mediċina minkejja l-fatt li l-*well-being* tan-nisa u l-*well-being* tat-tfal mar 'il quddiem ħafna, minkejja li l-*outcome* fl-*obstetrics* u maternita' tjieb ħafna f'dan iż-żmien u minkejja wkoll ir-realta` soċjali li għandna preżentement.

X'inhi din ir-realta` soċjali li aħna qed naħdmu biha bħala *background*? Ir-realta' soċjali hija li n-nies qed jiżżewġu iktar tard, ħafna drabi għar-raġunijiet soċjali u soċjo-ekonomiċi, qed ikollhom tfal iktar tard, divorzju ovvjament m'hawnx kif tafu intom, tfal għall-addozzjoni m'hawnx u l-*birth rate* qed tikkrolla. Is-sena l-oħra f'Għawdex twieldu biss xi 260 *baby,* mentri meta ġejt hawn Malta 15-il sena ilu din il-figura kienet taqbeż il-500 u s-600. Illum lanqas jistgħu jimlew il-klassijiet tal-*primary*. F'Malta l-*birth rate* waqgħet minn xi 6,000 fis-sena, 15-il sena ilu, għal madwar 4,000. Immaġinaw f'Għawdex jitwieldu inqas trabi milli jitwieldu f'ċerti sptarijiet privati hawn Malta. Jiġifieri dan huwa l-*background.* Għandna wkoll *rising number of single mothers.* Għandna ċerti *babies* li jiġu mill-immigranti, min-nies li m'humiex Maltin. Jiġifieri meta tidħol f'dak l-isfond tirrealizza li l-*birth rate* ta' Malta hija baxxa ħafna. Meta mbagħad nieħdu in konsiderazzjoni l-fatt li bl-eta` tan-nisa tikber il-problema ta' l-infertilita' dejjem qed tikber, din tagħtikom idea ta' x'inhi l-problema. Mhux veru li l-problema ta' l-infertilia` hija problema ta' *one in seven*. Ir-rata ta' l-infertilita' hawn Malta għal min jistaqsi għal għajnuna hija ta' *one in seven.* Dik hija problema waħda, pero` minn dawk il-*one in seven* li jirrikorru għall-għajnuna biex joħorġu *pregnant,* hemm persentaġġ minnhom li jkollhom bżonn teknoloġija iktar avvanzata. Pero' aħna rridu nieħdu l-idea *as a whole,* u din importnati li nifhmuha. Jiġifieri jekk aħna se nirrestrinġu b'xi mod il-programm modest ħafna li għandna fuq *assisted reproduction* se naffettwaw is-sistema kollha. Per eżempju, nitkellmu ħafna fuq *super ovulation.* Il-*vast numbers* ta' *super ovulations* li aħna nistimulaw lin-nies biex ikollhom iktar minn bajda waħda m'humiex għal *test-tube babies* imma huwa fil-fatt programm sofistikat biex inżidu ċ-*chances* ta' fertilita` ta' dawk in-nisa u huwa magħmul f'mod regolari. Inutli noqogħdu nikkomparaw l-affarijiet li jsiru llum ma' xi inċident li jkun ġara 12-il sena ilu, 15-il sena ilu għax ix-xjenza qed tavvanza. Ix-xjenza m'hijiex perfetta, ix-xjenza qiegħda fejn hi llum. Irridu noqogħdu attenti ħafna għax nistgħu nġibu ftit eżempji storiċi. Mhux se nsemmi lil Galileo li ġiegħluh jiffirma karta li d-dinja hija ċatta. Billi ffirma biċċa karta li d-dinja ċatta, tonda kienet u tonda għadha. Mhux se nsemmi nies bħal Darwin li ġie kkalpestat u anke kien hemm regolamenti biex jgħidu li t-teorija ta' l-evoluzzjoni mhux veru, billi kien hemm liġi l-evoluzzjoni hemm kienet u hemm għadha. lanqas m'aħna se nsnsemmu nies ġodda bħal Marcus Pincus li kien kattoliku ferventi u li ġie kkalpestat ħafna fuq l-użu ta' kontraċezzjoni u llum insibu li minkejja s-*side effects* u kumplikazzjonijiet kollha li kienu jbeżżgħu n-nies bihom llum il-*pill* qed toħroġ bħala xi ħaġa ta' benefiċju kbir.

Ma rridux nitilfu l-għan ta' għalfejn qed isiru l-affarijiet. Jiena naħseb li mhux l-eċċezzjoni rridu naraw imma rridu nħarsu lejn x'inhi l-għan prinċipali ta' dak li qed jagħmel l-oġġett. L-għan prinċipali mhux l-eċċezzjonijiet li qed jiġu msemmija. Per eżempju, l-għan

prinċipali tal-*pill* ma kienx biex isservi ta' kontraċettiv imma biex issalva l-ħajjiet tan-nisa għax kien hemm soċjetajiet - irridu niftakru li hemm soċjetajiet ħafna iktar żvinturati minn tagħna - fejn in-nisa kienu qed ikunu *pregnant* il-ħin kollu mill-eta` ta' 15 sa 45 sena. Fil-fatt fejn kien li l-ewwel ġiet rikjesta l-*pill?* Il-Puerto Rico u d-Dominican Republic l-iktar soċjetajiet fejn kien hemm faqar sfrenat u fejn kien hemm nisa li għax kellhom livell ta' edukazzjoni baxxa kienu qegħdin imutu bi kwantitajiet kbar. Jiġifieri qatt ma rridu nitilfu x'inhu l-għan ewlieni ta' min qed jiżivluppa dawn l-affarijiet sija meta nitkellmu fuq *assisted reproduction* kif ukoll meta nitkellmu fuq *stem cell research.* Irridu nżommu l-għan prinċipali. Irid ikun hemm eċitament fix-xjenza.

Insemmi każ fl-1840s jew fl-1850s, meta għall-ewwel darba bdew ineħħu *ovarian tumor* minn żaqq in-nies. Dakinhar meta l-ewwel tabib għamel l-ewwel operazzjoni fl-Ingilterra biex ineħħi *ovarian tumor* dehrilhom li kien *unethical* li jagħmel *laparotomy* u żammewlu l-liċenzja milli jipprattika. Fl-1880s - għandi volumi ta' fejn mort *medical school* jien - professur jgħid li hu *world authority* fiċ-ċesarji għax għamel 20 ċesarja fil-karriera tiegħu u kien sejjer tajjeb ħafna għax kellu 40% *maternal survival rate.* Jiġfieri hemmhekk irridu naraw fejn qegħdin illum fl-*assisted conception.* Anke meta niġu għall-produzzjoni ta' pencillin, fin-1940s kienet vera tqum ħafna flus. Sakemm sabu kif jipproduċuha f'mod kummerċjali, f'mod ta' kwantita' dik kienet għolja infern. Illum il-ġurnata l-pencillin salva ħafna nies u qiegħda *available.* Jiġifieri rridu noqogħdu attenti meta nitkellmu fuq ċerti affarijiet u nirrealizzaw li x-xjenza waslet fejn hi u almenu jkollna daqsxejn ta' sfond ta' *knowledge* tax-xjenza. Jiena li għandi Ph.D fiha ma nħossx li għandi biżżejjed sfond. Jiena li ħdimt f'laboratorji tal-ġenetika, missejt b'idejja, ħarist taħt *microscope* u mhux tkellimt biss fuqu inħoss li xorta m'għandix ċerta esperjenza biex nippronunzja lili nnifsi fuq ċerti affarijiet. Iridu noqogħdu verament attenti. Jiddispjaċini għax din hija xi ħaġa li aħna ilna involuti fiha għal ħafna snin.

L-ewwelnett veru li n-natura hija sabiħa ħafna, imma n-natura mhux dejjem ħanina, tista' tkun krudili ħafna ma' dak li jkun. Li noqogħdu ngħidu li din naturali u l-oħra mhux naturali huwa argument falz. Aħna ma nagħmlu xejn li huwa naturali. Ħajjitna kollha qed niġġieldu kontra n-natura. Per eżempju, kull filgħodu meta tqum u taħsel snienek bit-*toothbrush* qed tagħmel xi ħaġa li mhijiex naturali. Jekk tieħu panadol għall-uġiegħ ta' ras qed tagħmel xi ħaġa li mhijiex naturali. Anke li nilbsu l-ħwejjeġ hija xi ħaġa mhux naturali. Il-fatt li ngħixu iktar minn 25 sena diġa' qed nagħmlu xi ħaġa li mhijiex naturali għaliex kieku qegħdin fil-ġungla għandna ċans li jiġi xi iljun, jew tikser xi sieq jew xi ħaġa hekk u tispiċċa. Jiġifieri rridu noqogħdu attenti meta nitkellmu dwar x'inhu naturali u x'mhux naturali. Irridu noqogħdu attenti ħafna meta noqogħdu nagħmlu dawn l-i*statements.*

Issa kif qed narha jien hemm l-aspett ta' *stem cell research* li qed jistaqsukom biex tippronunzjaw ruħkom fuqha. Jiena naħseb li l-atteġġjament lejn it-tobba u lejn xjenzjati huwa importanti ħafna li wieħed iżommha f'moħħu. Hemm l-*issues* finanzjarji li qed jidħlu wkoll fiha l-biċċa xogħol. Hawn ta' min jgħid li ma rridux inħalltu l-*issues* finanzjarji ma' l-*issues* etiċi, għax hemm *issues* finanzjarji li għandhom etika għalihom u l-*issues* fuq il-bioteknoloġija għandhom etika għalihom. Ħafna drabi jien nara t-taħwid meta, per eżempju, nisma` nies jgħidu: Għalfejn din m'għandhiex tkun *available? Se mai* għaliex din m'għandhiex tkun *available* lil kulħadd b'xejn? Imma dak huwa argument ieħor li aħna miftuħin biex niddiskutu fuqu. Pero' l-*issues* fundamentali huma l-bioteknoloġija *per se*, mhux kemm tiswa' u kemm ma tiswiex kif tkellimt fuq il-pencillin iktar kmieni.

Issa ejja naqbdu daqsxejn dwar il-konsensus fuq il-*bioethics committee.* Fl-aħħar mill-aħaħr x'inhi l-problema tagħna? Il-problema

fundamentali tagħna li konna involuti fil-*bioethics committee* għal ħafna u ħafna snin - u jien kont immur hemm għal xi ħames snin mill-1992 'il quddiem – bir-rispett kollu kienet dwar kif inhu kompost u min hu fil-kumitat tal-bioteknoloġija lokali. Almenu jrid jkollna nies b'daqsxejn ta' entusjażmu fix-xjenza jew daqsxejn ta' *hands-on.* Irridu wkoll l-aspett ta' umanita'. Aħna qed narawhom in-nies fl-aħħar mill-aħħar. Dawn jiġu quddiemna b'ċerti numri u primarjament xogħolna hu li ngħinu lil min qiegħed isofri. U ma noqogħdux naħarbu mill-idea li l-infertilita` mhux xi ħaġa li toqtol. M'hu veru xejn. L-infertilita` hija xi ħaġa li tkisser ir-relazzjonijiet, speċjalment f'ambjent fejn m'għandniex divorzju. L-infertilita` tmur fil-qalb ta' l-istint ta' kull bniedem, biex ma ngħidx ta' kull speċi, u sakemm dak li jkun mhux interessat li jkollu t-tfal jew voluntarjament ma jridx li jkollu tfal, għax hawn min voluntarjament ma jridx li jkollu tfal, din hija piena u piena enormi. Jien rajt iktar sofferenzi f'nies li ma jistax ikollhom tfal milli rajt sofferenzi f'ħafna mard ieħor, inkluż *cancer,* għax din hija xi ħaġa li f'daqqa waħda dawn in-nies jibdew iqisu lilhom infushom bħala li m'għandhomx funzjoni fid-dinja. Jekk huma ma jistgħux imexxu l-ġenetika tagħhom li hija *a basic biological force,* din tikkaġuna *trouble* immens.

M'hawnx terapija waħda li m'għandhiex *side effects.* Kollox għandu l-kumplikazzjonijiet fid-dinja, anke titla` fuq karozza issib il-komplikazzjonijiet. Il-fatt hu li t-trattament ta' l-infertilita` iktar ma jkun komplikat, iktar ma jitla' 'l fuq aktar jista` ikollu kumplikazzjonijiet. Tibda mill-baxx u titla' 'l fuq. Rajna kumplikazzjonijiet bl-iktar *treatment* sempliċi fl-infertilita' u rajna kumplikazzjoni bi *treatment* kumplikat. Imma dawn huma rari u allura ma rridux neħduhom *out of proportion. M'*għandniex noqogħdu mbeżżgħu għax ikun hemm komplikazzjoni darba fil. *Anyway* ix-xjenza qed tavvanza u l-kumplikazzjonijiet qed ikunu inqas. Pero' anke jekk tieħu l-pencillin jew *anaesthetic* tista' tmut. Ir-rati mhumiex dawk li xi ħadd joqgħod jitkellem fuqhom, pero' kwalunkwe *treatment* għandu r-riskji tiegħu. Jiġifieri jien qed nipprova ngħid li meta niġu biex nilleġislaw irridu noqogħdu attenti għal xiex qed nilleġislaw? Se nilleġislaw għal kif tkun ippreparata pazjenta? Jekk se nilleġislaw għal kif tkun preparata pazjenta għal *test-tube baby - modo di dire* nibbennjaw *super ovulation – super ovulation* mhux għall-IVF biss se tkun ibbenjata, imma se tkun ibbenjata għal 40% tal-*case load* li għandna f'St. Luke's fejn nagħmlu *super ovulations* bħala rutina għalihom. *A modo di dire,* kieku jibbenjaw is-*super ovulations* din hija *pullover* suf u jekk tibda tħoll biċċa jaqagħlek kollox u mhux billi noqogħdu nitkellmu. Hawn problemi serji hawnhekk. Jekk se ngħidu li trid tipproduċi bajda waħda biss, iċ-*chances* huma baxxi ħafna li jiġri xi ħaġa. Ħalli nagħtikom eżempju xjentifiku. Ma nixtieqx nidħol wisq fil-*background* xjentifiku, imma ħalli naraw in-natura biss kif topera. Aħna kellna *meeting* tal-*college* nhar il-Ġimgħa, jiġifieri li qed ngħid hawnhekk huwa riflessjoni tad-dibattitu li kellna.

Fin-natura llum nafu u grazzi ħafna wkoll għall-*assisted conception* li tat ħafna *spin-offs…* Hekk kif, per eżempju, *space programme* fin-NASA ta ħafna *spin-offs* mix-xjenza li ħarġet minn hemmhekk, l-*assisted reproductive programme* tatna ħafna iktar *knowledge* u *insight* fuq kif isir *implantation,* kif issir *fertilisation* u affarijiet hekk. Mela fin-natura nafu llum li mara għandha 25% li toħroġ *pregnant.* Probabbilment m'hu veru xejn. Koppja fertili probabbilment tiffertilizza kull xahar. Illum nafu li mill-inqas 80% tal-bajd ikun iffertilizzat, pero' qatt m'hu destinat biex jeħel. Mela dawk jibqgħu għaddejjin qabel ma jkollhom *period.* Issa minn dawk it-80% nafu li nofshom ikunu *chromosomal abnormal,* dawn l-*embryos.* Nafu wkoll li 25% oħra għal xi oħra għal xi raġuni ma jeħlux. Mela minn 100 *fertilised embryo* għandna 20% biss li jistgħu potenzjalment jimplantjaw, jeħlu. Minn dawk l-20% għandna mill-inqas…. (Interrruzzjonijiet)

**THE CHAIRMAN**: B'mod naturali qed tgħid, hux hekk?.

**PROF. MARK BRINCAT:** Hekk hu, b'mod naturali. Minn dawk l-20% għandek kwart tagħhom li lanqas jaslu sa *twelve weeks,* jew ikunu *missed abortions,* jew ma jiffurmawx. U dawn huma problemi serjissimi. Jiġifieri aħna qed nispiċċaw b'10% biss li jkunu *fertilised* li jibqgħu għaddejjin. Sa ċertu punt l-IVF *programmes,* ħafna minnhom, jissuperawha din għaliex ikollhom 25%. Pero' din hija problema reali li qed niffaċċjaw. Jiġifieri jekk, per eżempju, inti qed tgħid li trid tagħmel *legislation* biex tiffertilizza bajda waħda biss, dik il-bajda xi 10% għandha ċans li taħdem. Jiġifieri x-xjenza waslet s'hemm u s'hemmhekk waslet, jiġifieri m'għandniex iżjed fejn naslu llum.

Ħudu ftit paċenzja għaliex irrid nagħmel *justice* għas-suġġett u għan-nies li qed nirrappreżenta. Irrid insemmi l-aspett li rridu naraw li dan id-dibattitu jimxi b'mod pożittiv b'daqsxejn ta' entużjażmu fuq ix-xjenza kif jimxi f'ħafna ċentri oħrajn u ma jkunx xi ħaġa ta' negattiviżmu, *restrictions,* nagħlqu u ma nafdawx. Aħna professjonisti bħal ħaddieħor, aħna tobba bħall-kollegi tagħna fil-kardjoloġija, fin-newroloġija, m'għandna xejn iżjed u xejn inqas, u almenu jagħtuna l-*benefit of the doubt* mhux dik il-ħaġa li dejjem irridu nikkontrollaw u ma nistgħux nafdawhom. Tkellimna fuq id-differenza bejn l-aspett finanzjarju u l-aspett etiku f'dik li hija t-teknoloġija fiha nnifisha u qed nimxu. U tkellimna fuq ċerti persekuzzjonijiet li kellhom xjenzjati bħal Galileo u Darwin fil-passat.

Issa nidħlu għal żmienna bi *Steptoe* li kien għamel l-ewwel *test-tube baby* fl-1978. Steptoe kien ukoll ippersegwitat għal ħafna snin. Illum ħadd ma jiftakar min kien jippersegwitah, inkluż tobba li llum huma meqjusin bħala *leaders* fl-IVF u fil-*field* tagħhom ta' l-*assisted conception.* Ma nixtieqx insemmi ismijiet, Pero' kien hemm professuri kbar li marru jagħmlu apoloġija lil Edwards, il-*partner* ta' Steptoe li għadu ħaj, u dan bir-raġun m'aċċettaxhiex għaliex jiftakar il-passjoni li kien għadda minnha Steptoe. Steptoe lanqas biss kellu sptar minn fejn jaħdem, kellu jmur f'*tiny district general hospital*, u hemmhekk sar l-ewwel *test-tube baby.* Issa hawn Malta l-ewwel *test-tube baby* sar 14-il sena ilu. Minn dakinhar 'il hawn għandna 300 *baby* mill-programm biss. Probabbilment għandna d-doppju jekk inqisu l-IVF *babies* li saru barra minn Malta.

Meta qed nitkellmu fuq aspett finanzjarju nitlobkom tirriflettu ftit x'jiġri kieku kellu jagħlaq is-servizz modest li għandna Malta għax allura mbagħad veru li min ikollu l-flus, min ikollu t-tripplu tal-flus jista' jsiefer barra. U għalfejn indaħħlu dawn l-aspetti finanzjarji? Ngħidilkom jien. L-ewwel ħaġa kategorikament niċħad li mhuwiex veru li aħna f'St. Luke's ma nagħmlux *treatment* ta' l-*infertility.* Issa dan huwa aspett li forsi m'għandux x'jaqsam ma li se qed ngħid, imma la ddaħħal fiha dan l-aspett finanzjarju rrid nindirrizzah. Mhuwiex veru u jiddispjacini li n-nies jgħidu dan għaliex in-nies jafu li f'St. Luke's tiġi *treated* l-*infertility.* Anke l-bidu ta' IVF *programmes* nagħmlu f'St Luke's, *we super ovulate them* f'St. Luke's. Mela għandna l-*basic investigations* f'St. Luke's, għandna l-*basic treatment*, għandna *super ovulation*, għandna *super ovulation* għall-IVF, għandna wkoll *unit* mibni għall-IVF *programme* f'St. Luke's. Dan ilu mibni mill-1992 jew mill-1993. Il-*unit* hemm qiegħed jeżisti u huwa ddisinjat bħala *state of the art* IVF *unit.* Kellna anke offerti biex jagħtuna laboratorju b'xejn biex naħdmu hemmhekk, pero' l-proġett ġie mwaqqaf. Għamilnih f'Mater Dei wkoll, imma anke hemmhekk il-proġett ġie mwaqqaf. Mhux se nidħol għalfejn ġie mwaqqaf għaliex ma nħossx li hu *fair* imma ġie mwaqqaf. Tistgħu timmaġinaw għalfejn ġie mwaqqaf.

Jiġifieri l-fatt li illum St. Luke's ma jipprovdix l-aħħar *step* biex niġbru l-bajd u npoġġu l-*embryo* lura ċertament mhux il-problema tad-direttorat għaliex l-*ultrasound* jeżisti u l-i*scanning* jeżisti wkoll. Minn

kollox jeżisti. Kif qed ngħid anke l-*unit* jeżisti. Tafu għal xiex qed jintuża l-post bħalissa? Bħala *day surgery* għar-raxkamenti u bħala l-post fejn ninvestigaw in-nisa li huma *incontinent.* Affarijiet li huma validissimi imma huwa ħela ta' riżors. Jiġifieri hawn irridu noqogħdu attenti kif nindirizzawha.

Issa nixtieq żewġ sekondi biex nitkellem daqsxejn fuq stem cell *research* u mbagħad nerġa' niġi lura għall-*assisted reproduction.* Din hija ħolqa ma' oħra, ma tistax tissepara din it-tip ta' xjenza waħda mill-oħra meta nitkellmu fuq *stem cell research.* X'qed nistennew li jiġri? (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MICHAEL GONZI:** *Professor* Brincat, xtaqt nistaqsik xi domandi għaliex għandi kumitat ieħor u ma nistax nibqa` hawn sa l-aħħar.

**PROF. MARK BRINCAT:** Jekk trid tista` tistaqsini d-domandi għaliex naħseb li jkun tajjeb li tistaqsihomli issa, imbagħad inkompli fuq *stem cell research.*

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Il-problema li qed naraw mhux fuq ir-*research* jew fuq il-proċedura, imma meta inti qed tipprepara l-*fertilised ova* u kollox, imbagħad x'se jsir wara. Jiġifieri *the rest of the embryos* x'se jsir minnhom? *That is the basic ethical question.* Jien qbiżt fuq il-*conclusion* mill-ewwel. Aħna, il-kumitat kollu, nafu l-ġid tal-proċedura u nafu l-ġid li jsir għal ċerti pazjenti. Jien għandi pazjenti li qatt ma seta` ikollhom tfal u issa bis-saħħa tiegħek personali u bis-saħħa tal-proċeduri llum għandhom it-tfal. Mhux dik il-problema. L-*ethical question* hija x'qed isir wara b'dawk l-*embryos* li jibqa`.

**PROF. MARK BRINCAT:** Għalhekk qed niżviluppa l-argument. L-*infertility* mhijiex biss l-*embryos.* Nispera li nirrealizzaw li għandna muntanja sħiħa ta' pazjenti kif għandek inti wkoll. Dawn huma affarijiet iktar sempliċi imma huma ħolqa ma' ħolqa mal-programm. Ovvjament il-programm tagħna huwa konxju ħafna ta' dan is-suġġett u allura fl-opinjoni tagħna nimxu b'mod li kważi kważi qed nirristrinġu lilna nfusna. Ir-riżultati tagħna mhumiex tajbin daqskemm nixtiequhom aħna, għalkemm dawn l-aħħar mhumiex ħażin, għaliex aħna deliberatament m'aħniex qed nesponu numru ta' bajd li jkollna, deliberatament m'għamilniex *frozen embryos,* deliberatament jekk naraw mara li hija żgħira ma nesponux iktar minn ħames jew sitt *oocytes.*

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Jiġifieri dawk l-*embryos* imbagħad jiġu *implanted* kollha kemm huma?

**PROF. MARK BRINCAT:** Kif spjegajna qabel tkun *lucky* li jkollok *fifty-fifty*. Nagħtu każ, għall-grazzja ta' l-argument, ikollok sitt bajdiet li tesponi – ma jiġrix hekk għax inti rari jkollok iktar minn tlieta. Dik apposta nagħmluha. Illum aħna nġibu *embryologist* minn barra biex jagħmlu *supervision* u nafu li jekk mara jkollha bajd tajjeb, ma tesponix aktar minn erba'. Għalfejn? Għaliex aħna nafu li l-*embryos* m'għandniex x'nagħmlu bihom. Issa kif spjegajt qabel fil-preambolu trid tirrealizza wkoll li jekk ikollok erba' ċ-*chances* huma li 10% biss tieħu. Kull waħda għandha 10% *chance*. Issa 10% *chance,* biex nispjega, jekk tgħolli s-sold jista' jinżel *heads* u jekk terġa' tgħolli s-sold jista` jerġa` jinżel *heads.* Jiġifieri jekk toqgħod tgħolli s-sold kull darba, dejjem *fifty-fifty* għandek iċ-ċans. Jiġifieri għalhekk xi kultant ikollna *twins.* U biex nagħmilha ċara fil-programm li ilna nagħmlu fl-14-il sena darba biss kellna *quadruplets* li kienet vera ċikka għaliex għamilna qabża fil-kwalita' tal-proċedura. Pero' in ġenerali l-iżjed li jkollna *twins.* Iktar ikollna *multiples mis-super ovulation programmes*, iktar kellna *quadruplets* minn *clomiphene* biss milli jkollna minn dan il-programm. X'jiġifieri dan? Nafu li n-natura taħli, hija ħalja ħafna, fil-fatt wieħed jista` tara kemm ikun hawn ħut, eċċ. Eċċ. u l-istess bl-*embryos* fl-umanita'. Ħafna mill-*embryos* li jiffurmaw għandhom *chromosome abnormalities* u probabbilment għandhom xi *abnormalities* oħra li aħna ma nistgħux nidentifikaw, u għalhekk l-*implantation rate*

hija relattivament baxxa. Din hija fin-natura. Jiġifieri aħna ma nistgħux nikkompetu wisq man-natura, nikkuppjawha. Jiġifieri fiżikament jekk inti jkollok tliet *embryos,* aħna ndaħħluhom dawn it-tliet *embryos.* Jekk tiġi *legislation* li tgħidilna biex nagħmlu żewġ *embryos,* allura ndaħħlu żewġ *embryos* u noqogħdu attenti li ma jkollniex iżjed minn żewġ *embryos.*

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Jiġifieri inti f'moħħok se tipprepara tliet *embryos* u dawn it-tliet *embryos* kollha li jkollok se jiġu *implanted,* imbagħad *it's nature whether it keeps or not.* Mhux inti se tipprepara ħamsa, iddeċidejt li tlieta huma tajbin u se timplantjahom u t-tnejn l-oħra ma nafux x'se jiġri minnhom.

**PROF. MARK BRINCAT:** M'hemm assolutament l-ebda *object* biex tagħmel hekk. Tista' ma tagħmilhiex hekk din il-biċċa xogħol.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Għax barra minn Malta jiffriżawhom.

**PROF. MARK BRINCAT**: Imma x'jiffriżjaw? Ħalli ngħidlek x'jiffriżaw. Jiffriżaw l-ewwel ħaġa l-*embryos* li ma tantx ikunu tajbin. It-tieni ħaġa l-*freezing process* stess għandha *wastage rate* u l-*pregnancy rate* tinżel ħafna drabi, fl-aqwa ċentri, minn 25% għal 10%.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Konvint. Imma l-problema etika hija li jekk jien ippreparajt tliet *embryos* u se nimplantjahom jien personalment naċċettaha. Imma jekk f'moħħi se nipprepara ħames *embryos,* se nipplantja tlieta u t-tnejn l-oħra se niffriżahom jew se narmihom jew se naħraqhom, *that is another ethical problem.* Fil-fatt barra minn Malta hekk jagħmlu. Barra minn Malta ma jippreparawx tlieta u jimplantjaw tlieta. Jippreparaw ħamsa, tlieta jimplantjawhom u tnejn minnhom jaraw x'se jagħmlu. Fil-fatt jistaqsu lill-pazjent, hemm *questionnaire.* U xi kultant iridu jkunu preżenti l-pazjent biex jaraw x'se jagħmlu b'dawn l-*embryos.* Jiġifieri *that is the problem* li qed nara jien.

Ħaġa oħra wkoll li rrid nistaqsi hija din. Id-dipartiment lili, li jiena GP, li ma nifhem assolutament xejn fihom x'qed jippreventjali biex ma naqbadx u nagħmel din il-proċedura.

**PROF. MARK BRINCAT:** X'qed jippreventjak lilek biex ma tmurx *on a mission to Mars,* per eżempju. Jiġifieri rridu nkun daqsxejn saqajna ma' l-art. Fis-sens li dan tant hemm investiment, tant hemm kumplikazzjonijiet, tant hemm affarijiet li ma tistax tqum għada u tagħmel dawn l-affarijiet. Biss biss l-*laboratory work* huwa xogħol estensiv u komplikattissimu ħafna. *I mean* aħna għandna bżonn PhDs biex immexxu biss l-laboratorju. Hemm ruxxmata *variables.* Issa qed nitkellmu fuq il-quċċata ta' *infertility.* Imma l-*variables* huma immens, trid tipprepara l-koppja, tagħmel is-*super ovulation,* irid ikollok *scanners* mustaċċuni, irid ikollok il-ħin li ssegwihom *non-stop,* irid ikollok l-assistenti għall-*counselling* u affarijiet hekk, irid ikollok *laboratory facilities* li jistgħu *within 24 hours* jagħtuk riżultati fuq ċertu *hormone levels.* Dan qabel ma trodd is-salib għax imbagħad irid ikollok l-apparat speċjali biex tiġbor il-bajd, wara li traqqad il-mara u jrid ikollok *safety* ta' *operating theatre* ta' *laparotomy levels.* Jiġifieri jrid ikollok l-abilita' biex tista' tikkonverti ġo *laparotomy.* Allaħares jiġri xi ħaġa ħażina, imma *touch wood* ma tantx jiġri. Imbagħad irid ikollok laboratorju bil-fjokki. Qegħdin nitkellmu *about cellular biology at its highest level.* Ma jistax GP jew tabib jew jien immur nagħmilhom, allavolja għamilthom jien.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Jekk jien nagħmel leġislatura biex nagħmel ċertu tip ta' kontroll u f'dan il-kontroll inkun irrid speċjalisti ta' ċerta kategorija u laboratorji ta' ċerta kategorija li jieħu ħsieb din il-proċedura, u f'din il-leġislatura nenfasizza li kull *embryo* li tinħoloq trid tkun impjantata, *would that hinder* l-proċedura?

**PROF. MARK BRINCAT:** *It would not hinder* sakemm għandek inti, bħalma għandhom ħafna pajjiżi oħrajn, bħal Switzerland, Ireland u Germany li ma jiffriżawhomx, jagħmlu bejn *two and three*. Pero` biex inkompli bl-argument jiena nħoss li rridu noqogħdu attenti ħafna meta nagħmlu legislation għax *it is a very rapidly changing field*. F'dan il-kamp hawn bidliet li tant huma rapidi li jekk se nagħmlu *legislation* li se tkun tassattiva jista` ikun li ssib lilek innifsek *left behind*. It-Taljani issa għandhom dik il-problema u se jkollhom jagħmlu erba' *referendums*. Ma noqogħdux nitkellmu dejjem fuq l-eċċezzjoni. Nistgħu nitkellmu fuq Spanja, fuq l-Belġju u fuq Franza, biex ma nsemmix l-Ingilterra. Għalfejn nitkellmu fuq l-eċċezzjoni. Jekk dħalna fl-Ewropa ma dħalniex biss "għall-kanen", imma dħalna wkoll għad-drittijiet soċjali wkoll mhux għall-ekonomija biss. Jiena għamilt kampanja favur l-Ewropa – u nieħu pjaċir ngħid li għamilt kampanja favur l-Ewropa - mhux sempliċement għall-affarijiet tassattivi, imma wkoll għall-affarijiet li jgħollu s-serjeta' u li jgħollu l-kontrolli. M'hemmx *free for all* fl-Ewropa, fi kwalunkwe pajjiż illum il-ġurnata. Lanqas hawn Malta m'hawn *free for all* għax il-kontrolli qegħdin hemmhekk. Ma noqogħdu naħarbu bl-idea li hawn *free for all*. L-ewwelnett hawn l-*press*, it-tieni ħaġa hawn il-*medico-legal issues* u t-tielet ħaġa hawn il-*medical council*. Aħna ma mmorrux nagħmlu *legislation* kif jagħmlu *coronary bypass* jew kif jagħmlu *heart transplant*. *G*ħaliex ma nagħmlux *legislation* għalihom dawk? Għaliex aħna ddiskriminati bħala *gynaecologists?*

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Il-konċett huwa differenti. Ħalli ngħidlek għaliex. (Interruzzjonijiet)

**PROF. MARK BRINCAT:** Imma għaliex? Forsi toqtol lil xi ħadd biex teħodlu qalbu. (Interruzzjonijiet) Imma l-konċett mhux differenti għax dik hija branka ta' mediċina oħra.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Inti qed titkellem fuq *creation of an embryo and that gives us ethical problems*. Ma tistax inti tqabbel il-kardjoloġija mal-*gynae*.

**PROF. MARK BRINCAT**: Dak il-ħażin. Għalhekk ngħidu li aħna diskriminati.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Dwar il-proċedura u l-ġid lill-pazjent personalment, ma nafx il-kollegi tiegħi, *I have no doubt whatsoever*. Anzi naf bl-iżvilupp li sar tul iż-żmenijiet, issa ilna 20 sena tabib, u jien naċċettah.

**PROF. MARK BRINCAT:** Aħna rridu regolamentazzjoni, *do not get me wrong*. Għandna bżonn regolamentazzjoni għax nħossu li aħna nżammejna lura fil-programmi tagħna minħabba nuqqas ta' regolamentazzjoni. Il-*means* li qed nitkellmu fuqha. Meta nitkellem fuq legiżlazzjoni u qed nikkompara mal-kardjoloġi qed nitkellem fuq il-*means* mhux qed nitkellem fuq regolamenti. Neħħi l-idea li aħna naħdmu f'limbu għax m'aħniex, għax l-*protocols* huma ben magħrufa u jekk se niżvijaw mill-*protocols* dak li jkun jista` jieħdok il-qorti. Jekk inti se tagħmel xi ħaġa totalment *way out* u tikkaġuna xi ħsara, illum għandna l-press u nies li huma voċiferi ħafna u jafu x'għandhom jagħmlu. Jiġifieri f'dan is-sens irridu nkunu attentissimi. Immaġina kieku allaħares qatt inħalltu xi sperma, immaġina! Dawn huma l-eċċezzjonijiet, qed tifhem. Imma rridu nagħmlu kontrolli ħafna ħafna iżjed fil-branka tagħna milli jagħmlu kontrolli fi branki oħrajn. Qed insemmi l-kardjoloġija bħala eżempju biex in-nies ikunu jistgħu jqabblu. Imma hemm ukoll tt-*treatment* tal-*cancer*. Dawn mhux kollha għandhom *ethical problems?* Xi kultant irridu nneħħu l-emozzjoni minnha din il-biċċa xogħol għax din għandha aspett bħall-oħrajn. Veru li qed nikkreaw *embryo...* Mhux qed nikkreaw *embryos* imma qed niffaċilitaw li dawn iż-żewġ *gametes* jiltaqgħu ma' xulxin. Imma dak huwa aspett wieħed. Imma meta xi ħadd jagħmel *heart transplant* irid jieħu deċiżjoni jekk joqtolx lil xi ħadd jew le. Tista'

titkellem b'mod emottiv fuq deċiżjoni jekk toqtolx lil xi ħadd jew le. Ħaddieħor jgħid *get him off the ventilator*, *he is brain dead* u affarijiet bħal dawn. Imma tista' malajr iddawwarha f'mod emottiv il-biċċa xogħol. Jiġifieri l-problema tal-*legislation* hija li rridu naraw lil min se nsegwu, kif se nsegwu, x'livell se nħallu l-poplu tagħna u jekk irridux nkunu tassattivi jew le.

Meta nitkellmu fuq bord regolatorju – kont qed niżviluppa l-argument biex niġi għal dan - irridu naraw min se jkun daqshekk aġġornat u daqshekk intiż fis-suġġett biex nagħmlu bord regolatorju. Ladarba intom dħaltu għal deċiżjoni li tridu tagħmlu bord regolatorju leġislattiv, din hija xi ħaġa kumplikata daqskemm hi għall-Ingliżi u għall-Ġermaniżi. Hemmhekk għandhom riżorsi ta' *brain power* u nies b'esperjenza enormi, imma aħna għandna dik ir-riżorsa? Jekk intom se tidħlu f'dan l-isqaq għax forsi ċerti nies joqogħdu jitkellmu, biex ma nużax aġġettivi oħrajn, għandna min jista' ġenwinament iħallina f'livell tal-medja - tal-medja qed ngħid mhux ta' l-estrem - ta' sħabna fl-Ewropa? Dik hi l-biċċa xogħol. Nistgħu nitkellmu fuq kemm se nagħmlu *super ovulation*, fuq kemm se tesponi *embryos* u x'tagħmel bihom. Nistgħu nitkellmu fuq *donor sperm* jew *donor oocyte* u fuq dettalji bħal dawn, mela le. Pero' jien nistenna li l-poplu tagħna almenu għandu dritt tal-medja ta' x'inhu aċċettabbli minn kollegi tiegħi fl-Ewropa.

Jien f'Lulju mort għall-konferenza tal-*European Society of Reproductive Endocrinology* u kif semmejt qabel kont professur f'Nottingham fuq *reproductive medicines*. Ħadd m'hu se jgħid li l-Ingliżi mhumiex stretti u ħadd m'hu se jgħid li l-Belġjani jew il-Franċiżi jew inkella l-Ispanjoli mhumiex stretti. Għaliex lil niesna għandna niddregjawhom 'l isfel b'*legislation* antikwata? Meta nafu li l-Italja għandhom problemi enormi, ġabru nofs miljun firma għall-erba' *referendums*, se nsegwuhom? Mhux aħjar noqogħdu daqsxejn kawti, nisimgħu d-dibattitu kif għaddej u ninfurzawx *regulatory body* serju b'nies li huma vera entużjasti u li fl-istess ħin jikkontrollaw u jżommu għax fl-interess tagħhom jaraw li l-affarijiet ma jsirux ħżiena. Jien ma rridx nara lil sieħbi jagħmel mara *pregnant* ta' 66 sena għax jgħarraq lili inkella. Imma dawn huma l-eċċezzjonijiet. Għalfejn ikunu fl-aħbarijiet dawn? Għax dawn huma eċċezzjonijiet. Imma taħthom hemm mijiet ta' eluf ta' nisa normali.

**ONOR. MICHAEL GONZI :** Dik il-funzjoni ta' dan il-kumitat. Jiġifieri *that is one step ahead*.

**PROF. MARK BRINCAT:** Jien għandi suġġerimenti kif nagħmluha din il-biċċa xogħol, imma rrid bilfors nibni l-argument. Għandi konklużjonijiet, imma forsi l-konklużjonjiet jekk in-nies qed jibdew minn "hawn" huwa daqsxejn radikali żżejjed. Issa jien qiegħed fin-nofs ħdejn l-Ewropa.

Sur President, ħalli issa nitkellmu dwar x'qed jiġri daqsxejn fuq l-i*stem cells*. *What is the promise* hemmhekk? Tkellimna diġa' fuq pencillin u għedna kif fin-1940s biċċa moffa kienet tiswa ħafna flus. L-istess fuq *stem cells*. Qegħdin f'sitwazzjoni bħalissa li l-ewwel ħaġa ma rridux nassumu fuq *embryos* u mhux *embryos*. Xi kultant il-lingwaġġ li jużaw x-xjenzajti jinstema' ikrah għal-*lay persons*. Jien inħobb inġib l-eżempju ta' *siamese twins* li jien kont involut fihom fejn kien hemm għagħa li se joqtlu waħda minflok l-oħra. F'dan il-każ il-*Gordian knot* li kellna solviha l-Isqof Cauchi. Għaliex? Għax qal: Intom għalfejn qed tgħidu li se toqtlu waħda biex isalvaw l-oħra? Għax ma tgħidux li se tipprovaw issalvawhom lit-tnejn ħalli jekk imut wieħed tkunu tistgħu tgħidu li ppruvajtu l-aħjar li tistgħu? Jiena għedtlu: Imma aħna mhux hekk qed ngħidu? U hu qalli: Le, mhux hekk qed tgħidu. Intom qed tgħidu li se tolqtu wieħed biex isalvaw l-ieħor. Imbagħad jiena ċempiltilhom u hekk għamlu u llum ħadd ma jiddubita għandna tifla Għawdex għaddejja tiġri 'l hawn u 'l hemm qisha mhux hi wara operazzjoni ta' disa' sigħat. Sfortunament l-povra *baby* l-oħra, li ppruvaw mill-aħjar li setgħu, ma rnexxielhomx isalvawha għal

raġunijiet serji u antomiċi. Jiġifieri hija l-*approach* u kif tgħidhom l-affarijiet u x'inhu l-għan ta' xi ħaġa.

Issa meta niġu għal *stem cell research* ħafna drabi mhux qed nitkellmu fuq *embryos* imma fuq massa ċelloli ta' kwalita` differenti li qatt ma tiżviluppa f'*baby* - ħafna drabi dawk ngħidulhom *teratomas* - u llum il-ġurnata b'dawn l-*stem cell* qed tavvanza l-biċċa xogħol. X'inhi din il-massa *cells* ġo soppa li qed ikun hawn? L-idea li jkollok *kidney cells, blood cells, heart cells* u eventwalment tkun tista' tkabbar xi *kidney*. Eventwalment dik hi l-*promise*. Meta jien kont naħdem f'Nottingham kelli wkoll assoċjati miegħi nies li kienu jaħdmu fi *cloning institutes,* u l-ħafna mbarazz li jgħidu fuq *cloning* huwa inkredibbli. Pero' ejjew ninsew il-*cloning* u niġu għall-i*stem cells* fuq annimali li kien tahom infart, l-abilita' li tinjettja *stem cells* b'*injection* noramli ġo vina u jsibu posthom fejn għandek infart . Dawn l-i*stem cells* għandhom l-abilita' u l-intelliġenza - tistaqsinix kif inhi għax dawn huma misteri tan-natura xorta, tista' ddum tispjega imma mhux se noqogħdu nidħlu fit-teknikalitajiet - li jinbidlu f'*myocardial cells*. Illum għandna l-fakulta' - u għaxar snin jew għoxrin sena oħra din issir realta' żgur - li inti tinjettja ftit *stem cells* u dawn jirreplikaw u xi ħadd li għadu kemm kellu attakk f'qalbu mhux tagħmillu *bypass* biss. Meta jkollok *heart attack* ma tistax tirreperjahom il-*myocardial cells* għax issir *scar,* u dawn l-i*stem cells* li jiġu injettatti jsiru *myocardial cells*. Għidli naqra kif dik it-teknoloġija tista' twaqqafha? Hemm ukoll il-possibilta' li tipproduċi d-demm ta' Clyde Puli stess għal Clyde Puli. X'jiġifieri? Jiġifieri mhux se jkollna bżonn *blood donors* fil-futur. Għidli kif se nwaqqfuha din? Iktar serja hawn il-fakulta' li tipproduċi *kidney* jew li tfejjaq l-*alzheimer's* u affarijiet bħal dawn. *That is the technology that is around the corner*. Għidli aħna kif se nwaqqfu din it-tip ta' riċerka? Għidli naqra jekk it-tfal tagħna li jista` jkollhom problemi serji ġenetiċi jew ta' *spinal injury* jew xi ħaġa bħal din aħniex se nitilqu niġru bihom biex naraw li jiġi *treated* b'din it-tekonoloġija.

Illum il-ġurnata nitkellmu wkoll fuq *recombinant drugs, genetically modified drugs*. Diġa' qegħdin hawn, diġa' għandna l-insulina u għandna *growth hormone*. F'St Luke's diġa` qed nagħmlu riċerka fuq *osteoparotic drugs* li aħna ġibna b'xejn għall-poplu tagħna fuq *clinical trial*. Bis-saħħa ta' dik ir-riċerka mediċini li normalment jiġu jiswew madwar Lm1,200 fis-sena qed nipprovduhom b'xejn. Illum jiswew Lm1,200 fis-sena, forsi 'l quddiem ikunu jiswew inqas imma r-*recombinant drugs* hija farmakoloġija ġdida kompletament u m'intix se twaqqafha. Din il-farmakoloġija *is going to take over*. Il-mediċini l-antiki li għandna kollha se jkunu *superseded* mir-*recombinant drugs*. X'se nagħmlu? Se nwaqqfuhom għax ngħidu li ma rridux jkollna x'naqsmu magħhom? Dawn mhumiex *science fiction,* imma huma realtajiet. Jiena rajthom jagħmluhom l-esperimenti tal-*cardiac cells* u ġew rraportati. Dan hu l-entużjasmu li nixtieq nara trasmess hawnhekk. Nixtieq nibqa' għaddej pero' ma rridx indejjaqkom iżżejjed.

Konna qed nitkellmu fuq l-i*sterility*. Jekk aħna ngħidu li hemm kumplikazzjonijiet fit-*treatment*, jiena diġa' semmejt li għandna każijiet ta' *depression, suicide* u *breakdowns of marriages*. Dawn huma problemi reali li tara f'koppja li jkollhom dawn it-tip ta' problemi, biex nerġa' naċċenna fuq *infertility*. Dawn huma problema serji li aħna mmissuhom b'idejna. Aħna l-bilanċ li dejjem nagħmlu bejn *treatment* u d-*disease* huwa jekk it-*treatment* hux agħar mid-*disease*. Fil-*cancer* jagħmluh ħafna dak il-bilanċ. Issa inti għandek kumplikazzjonijiet. Vera, għax darba fil jiġri xi kumplikazzjoni imma rari ħafna u bil-*modern techniques* anke s-*super ovulation* hija iktar *safe*. Pero' nerġa' ngħid l-*super ovulation* mhux biss għal IVF, imma hija wkoll għall-40% ta' dawk kollha li għandhom problema ta' *infertility* li jkollhom *normal* l-*intercourse.*

Tkellimna fuq l-aspett tal-finanzi. Sfortunament il-finanzi huma problema reali u wieħed jipprova jżomm il-*cost* tad-*drugs* baxxi kemm jista` ikun. Aħna m'għandniex

kontroll fuq il-*cost* tad-*drugs*. Huwa l-gvern li għandu kontroll fuq il-*cost* tad-*drugs*. Jiġifieri jekk il-gvern jilliberalizza kemm jiflaħ l-*entry* tad-*drugs* fil-pajjiż kif konna sa ftit xhur ilu nsibu li jkollna ġenerazzjonijiet ta' *drugs* li huma ħafna irħas għax illum rridu nirrealizzaw li b'ċerti riformi li saru tnaqqset ħafna l-*availability* tad-*drugs*. Jiġifieri dawn huma *practical ways* kif nistgħu ngħinuhom lil dawn il-kopji. M'hemmx bżonn *legislation* biex tirranġa l-i*state* tad-*drugs* tagħna għax 40% jew 50% tal-*cost* tal-*procudure* fil-mediċini, sew jekk nagħmluha St Luke's u sew jekk nagħmluha barra, hemmhekk se jibqgħu għax hemm il-*cost* tal-laboratorju u l-*cost* ta' l-affarijiet l-oħra.

Issa rrid ngħid xi ħaġa fuq din il-biċċa xogħol ta' *authorities*. Lili tbeżżagħni ħafna li dejjem nagħmlu *authorities* ġodda. F'St Luke's bdejna b'*ethics committee* wieħed għar-riċerka - kont għamiltu jien meta kont dekan - sempliċement biex il-*clinical research* isir b'mod kontrollat u anke biex inkunu nistgħu nieħdu *grants* minn barra. Illum ma tistax iġġib *grants* minn barra jekk m'għandek *ethics committee*. F'kemm ili ngħidlek bdew ifaqqsu dawn l-awtoritajiet. Illum biex tgħaddi *trial* wieħed trid tgħaddi mill-inqas minn ħames *ethics committees.* Ix-xogħol ta' l-*ethics committee* ta' l-universita' huwa ġġamjat u l-*entries* fil-PhDs huma ġġamjati kollha. L-istorja tagħna ta' awtoritajiet hija storja miżerabbli ħafna. Ħlief nies ipoġġu bsaten fir-roti ma ssibx. Ma ssibx dak l-entużjasmu biex tmexxi. Le, issib dak l-entużjasmu biex twaqqaf u tikkontrolla, biex turi kemm inti *powerful,* jiddispjaċini ngħid. Dan qed ngħidu b'mod ġenerali u intom tafuh daqskemm nafu jien dan. Dan kont għedtu wkoll meta kont dekan. Tpoġġi lil xi ħadd *in charge* minn xi ħaġa minima jagħmillek ħajtek martirju. *It works all the way up*. Noqogħdu attenti milli nimmaxrumjawhom iżjed minn dawn l-affarijiet, nimmaxxrumjaw iżjed u iżjed awtoritajiet u iżjed u iżjed kumitati. Imbagħad b'min nistaffjawhom dawn l-affarijiet? B'nies li għandhom il-ħin. Aħna qegħdin mal-*coal face* ta' St Luke's. Il-*coal face* għall-*clinical directors* u għall-*clinical doctors* hija terribbli ħafna bħalissa. Qed noperaw b'tobba inqas. Mhux se noqgħod nagħmel katalgu sħiħ tas-sitwazzjni ta' St Luke's. Min irid jista' jiġi u jara taħt liema ċirkostanzi naħdmu, fejn marbutin b'numru ta' *major operations* li rridu nagħmlu. Għada għandi żewġ *cancer cases* daqshiex fuq il-lista tiegħi, żewġ *laparoscopies*, l-*equipment* mhux dejjem huwa kif nixtiequ aħna għal raġunijiet ekonomiċi, li wieħed irid jaċċetta jrid jew ma jridx. Naħdmu f'sitwazzjoni ta' 24 *hour day*, l-istess bħat-tabib Gonzi, u rridu noqogħdu attenti għax qegħdin taħt lenti daqshiex. Jiġri xi ħaġa ħażina fid-dipartiment ta' l-*obstetrics* mill-ewwel iġibuna fil-gazzetti.

Dan qed ngħidu biex nuri kemm fir-realta' se jkollna ħin x'nikkontribwixxu għall-bord regolatorju, biex nagħmlu *justice* għall-każ tagħna. X'jiġri ħafna drabi? Imorru nies li għandhom ħin, mhux se noqgħod ngħid iżjed x'jiġifieri li għandhom il-ħin. Min għandu l-ħin mhux qiegħed hemmhekk biex jaħdem u jissielet, forsi għandu l-ħin għal raġunijiet differenti. B'hekk l-awtoritajiet tagħna huma mwaħħlin bħalissa u mblukkati u b'hekk, jiddispjaċini ngħid, li l-i*standards* ta' ħafna awtoritajiet mhumiex ta' nies ta' stoffa, mhumiex ta' nies li vera jafu japprezzaw is-suġġett. U hemm rridu noqogħdu attenti għax kollox jidher sabiħ - u qabel jien kont ngħid li għandna bżonn ta' *regulatory body* - imma mbagħad tibda tinkwieta. M'ilniex 12-il sena fil-*bioethics committee* u ħriġna dokument li ġie mblukkat fl-aħħar. In-nies ma jafux li *inferitility* ssir f'St Luke's! Għalfejn qed jgħidu li ma ssirx f'St Luke's. Meta kellna l-*programmes* fuq il-kontraċezzjoni għalfejn tqajmet ċerta oġġezzjoni bl-iskuża ta' xi aspetti etiċi nebulużi, u n-nies tat-*three cities* li kellhom forma ta' kontraċezzjoni effettiva spiċċaw ġew miċħuda minnha? Din kienet xi ħaġa serja u l-ebda grupp femminist qatt ma tkellem. Il-kontracettiv kien ilu *available* fil-pajjiż għall-isbaħ 20 jew 30 sena u f'daqqa waħda bla ebda bażi xjentifika – din għalija ma kienet xejn ħlief kwestjoni ta' *hair splitting* - spiċċajna biex neħħejna l-iktar

forma ta' konċentrattiva rħisa *available* għannisa fl-iktar grupp vulnerabbli tal-pajjiż. Ħadd ma tkellem. Għaliex? Għax jiġi xi ħadd jagħmillek id-dubju, joqgħod iniggislek l-għaksa u jiġġamja kollox.

Jien għamilt erbatax-il sena l-Ingilterra, u erba' snin oħra fuqhom. Meta jiġi xi ħadd mhux pragmatiku u joqgħod jgħid kemm hemm anġli fuq ras ta' labra jiena ma ngħidlux li għandu raġun u li veru għandu mnejn ikun hemm 40 anġlu fuq ras ta' labra u noqogħdu nagħmlu kumitat sħiħ niddiskutu fuq kemm hemm anġli fuq ras ta' labra. Imma ngħidlu: Isma` ġbin, dik mhux importanti. L-importanti dik il-povra mara li qed tbati dak il-ħin u fiha rridu naħsbu. F'dik il-koppja rridu naħsbu. U jiena żgur li dak il-bniedem – anke l-iktar nies li jitkellmu – meta jiġi fil-bżonn jekk ikollu t-tifel tiegħu bl-*alzheimer's* jew b'infart se jġibu quddiemna, regolamenti u mhux regolamenti. U la huwa *available* għal-medja ta' l-Ewropa se jara x'jagħmel biex itellgħu hemm, kif kien qed jiġri. Kemm telgħu nies għall-PGD. Għalfejn jitilgħu? Jew nippreparaw St Luke's u jmorru jagħmlu l-IVF barra. Għalfejn? Qed jonfqu Lm5,000 dawk, *plus* l-i*stress*. U jiena ngħid: Ix-xjenza s'hemm waslet. Jekk minnhom 20% biss joħorġu *pregnant*, dan isir b'xogħol ħafna intensiv. Għada se mmur nopera fuq żewġ *cancer cases* daqshiex. Naf żgur li se jkunu relattivament *straight forward.* Naf x'se nagħmel. Waħda għandha fibroma u se nneħħi l-fibroma mija fil-mija. Dawn jagħmlu ħafna iżjed xogħol, imma r-riżultat jista' jkun infeliċi u aħna rridu niffaċċjahom u ngħidulhom x'qed jiġri meta l-*assisted reproduction* ma taħdimx. Imma x-xjenza s'hemm waslet. Dan bħalma semmejt qabel fil-cesarji. Kienu jagħmlu cesarja u l-mara kien ikollha 40% li tgħix, imma l-*baby* trid tinsih għax lanqas kien jgħix. Jiġifieri noqogħdu attenti.

Il-poplu *as a rule* imdejjaq li jkun hemm ċertu indħil f'affarijiet personali tagħhom. Min qed ibati jaf x'qed ibati. Il-minoranza mhux minoranza ta' kumitat kif tkellem il-professur l-ieħor, imma hija l-minoranza li qed tbati. U dawk li qed ibatu għandhom id-drittijiet u mhux min qiegħed komdu d-dar u ma jmisshomx b'idejh lil dawn li qed ibatu. Mhux dak li mhux qed jisma' it-tqasqis tar-*relatives* li jgħidulhom: Għaliex m'għandekx tfal? Għalfejn qed taħsbuha, moħħkom fid-dar biss. Dawn huma l-affarijiet u krudeltajiet li nisimgħu aħna *inflicted* fuq soċjeta' li tgħid li tħobb u li hija l-Kristjana u mbagħad tkun l-ewwel li tqasqas u tgħaddi kummenti u ġudizzji fuq koppji. In-nies ma jridux dawn l-affarijiet mill-gvern. Irridu noqogħdu attenti għall-perikli politiċi wkoll għax din hija ħaġa li ma tiswiex wisq biex tagħmel biċċa karta u tiffirmaha imma hemm perikli politiċi għax in-nies imdejqin b'dan it-taħwid.

Għedtilkom li hemm bejn tlieta u ħames mitt baby li twielied mill-IVF *programmes*, imma hemm eluf oħra li twieldu mis-*super ovulation programmes*. Ma noqogħdux nitkażaw fuq affarijiet li huma irrelevanti. Ħafna affarijiet li intom imdorrijin teħodhom *for granted* mhumiex daqshekk *cut and dried*. Jien ngħid li fost filosofi kbar u serji, anke filosofi Kattoliċi, anke tagħlim tal-Knisja… Jien inqis lili nnifsi nisrani bħal ħaddieħor. Jiena *proud* li jien nisrani u kattoliku u kelli niġġieled għat-twemmin tiegħi meta kont l-Ingilterra. Kont iffaċċjat fejn kont f'minoranza għal ħafna snin. Pero' hemm affarijiet li mhumiex *cut and dried* bħal meta jibda l-*human being* bħala persuna. Issa inutli noqogħdu nitkellmu fuqha. Din ta' l-*embryos* mhijiex *cut and dried*. Nistgħu nikkwotaw ħafna dutturi tal-knijsa, mhijiex *cut and dried*. U għar-raġunijiet li spjegajt tistgħu timmaġinaw għalfejn mhijiex *cut and dried* meta tibni ħajja umana. Din mhijiex *cut and dried* jekk hemm ċerti nies ġiegħlukom taħsbu li hija *from conception* u dawn l-affarijiet. Kieku *cut and dried* kieku m'għandniex dan it-telf ta' *embyros* fin-natura. Għandna 90%, jiġifieri suppost hemm 9 darbiet iżjed nies iduru. Li qed ngħid jien hija xi ħaġa modesta ħafna, miktuba anke minn dutturi tal-knisja. Mhijiex *cut and dried* daqskemm jidhrilhom in-nies. Hemm ħafna raġunijiet oħrajn. Jekk taqbad *embryo* ta' erba' ċelloli u tneħħilu ċellola u tarah taħt

*microscope* …. Tridu tarawh taħt *microscope* biex tirrealizzaw fuqxiex qed tiddiljaw. Ħarsu lejh u tapprezzaw x'qed jiġri. Tneħħilu ċellola xorta bniedem sħiħ jista' jiżviluppa, mhux se jiżviluppa b'sieq nieqsa jew xi ħaġa hekk. Jekk ta' 12 *days* jew 14 *days* isir twins, isir żewġ *souls*, żewġ *souls* ikun sar għax minn *soul* waħda ma tistax tagħmel tnejn għax din m'hijiex divisibli. Jiġifieri dawn argumenti reali ħafna.

Meta nidħlu f'ċertu affarijiet irridu naraw x'inhu l-*general trend*. Jekk jogħġobkom toqogħdux tkunu impressjonati meta xi ħadd jaqbadlek rarita` u jsemmilek. Per eżempju, nanna ta' 66 sena saret tqila. Dik hija rarita'. Dik hija xi ħaġa għall-*press*. Dik hija *gimmick*. X'inhi l-*major thrust*? Koppji miżżewġa għal ħafna snin ma jistax ikollhom tfal. Dik hi l-*major thrust* ta' l-għanijiet. Mhux biex ma nħallux nanna ta' 66 sena toħroġ *pregnant* nirrovinaw id-99.9% li huma *straight forward*. Noqogħdu attenti fuqha din il-biċċa xogħol. Irridu noqogħdu attenti għal min vera qed isofri.

Intom staqsejtu x'jidhrilna aħna bħala *gynaecologists* fuq ir-*regulatory bodies*. Jien qrajt kumment fuq il-*bioethics committee* kif inhu preżentament u jiena ngħid ma naħsibx li dak għandu jsir bord leġislattiv bħalissa. M'għandux isir bord leġislattiv għax ma nqiesx li aħna hawn Malta bl-ammont ta' poplu li għandna, irridu nkunu daqsxejn modesti, għandna l-kapaċitajiet li naslu f'dak il-livell ta' *regulation*. Ma tistax tafdah. Mhux għax ma nafdax l-individwi li hemm fuqu, imma jiena li rajt il-livelli tal-*Warnock committee* u tal-Belġjani naf x'livelli jrid ikollok. Din hija r-raġuni għalfejn il-*gynaecologists* m'għadhomx jinvolvu ruħhom fil-*bioethics committee*. Ħriġna iddisappuntati darba, darbtejn, tliet darbiet. Dan qed ngħidu b'kull rispett lejn in-nies li huma preżenti hemmhekk għax huma nies ħbieb tagħna u nirrispettawhom ħafna bħala professjonisti. Jien għamilt ħames snin u kollega tiegħi għamel tliet snin hemmhekk. Ikollok dokument li bih inkunu se naslu x'imkien, imbagħad ikollok tnejn li fl-aħħar ibiddlu l-idea tagħhom u ma naslu mkien. Ma jistax ikun. Dawn mhumiex l-affarijiet reali li qed niffaċċjaw. L-argumenti li konna qed niffaċċjaw hemmhekk kienu pwerili sa ċertu punt. Kienu pwerili għaliex id-dokumenti li kienu qed jiġu produtti kienu *simplistic* wisq. Fil-*Council of Europe* damu 30 sena biex ipproduċew dokument. Ma tistax inti bil-*part-timers*, bin-nies li għandna tipproduċi dokument ta' dak il-livell *overnight*.

Issa li ġej San Pawl nixtieq nagħmel l-aħħar appell tiegħi u se nagħmel kif għamel hu meta appella lil Ċesri. X'ifisser li nappella lil Cesri? Jien hawnhekk irrid nappella lil Ċesri għax aħna dħalna fl-Ewropa biex nieħdu dawk il-benefiċċji. Napella lil Ċesri fis-sens li aħna dejjem iddpendejna fuq sistema ta' mediċina Brittanika. Aħna membri tal-*Royal College*. Tinsewx li Ireland li hija wkoll parti mir-*Royal College* m'għandhomx abort. L-abort mhux legali l-Irlanda u xorta qiegħda fir-*Royal College*. M'għandhomx *frozen embryos* imma xorta parti mir-Royal College. Xorta n-*Northern Ireland* marbuta bil-*Warnock committee*. Preżentement jien inħoss li għandna sitwazzjoni fejn kif jiġu jagħmlulna *visits* hawn Malta bl-*input* tagħna, kif jiġu tal-European College u aħna nagħmlu *vice-versa*..... Jien li qiegħed *Chairman of the Malta Representative Committee of the Royal College of Obstetricians & Gynaecologists* u *founder member tal-European College of Obstreticians and Gynaecologists* - huma jirrispettaw lilna u aħna nirrispettaw lilhom, *to and fro* – nista` ngħidilkom li n-numru tagħna huwa żgħir wisq biex ikollna bord regolatorju ta' dan il-livell, għax il-livell li aħna rridu nilħqu m'hu xejn inqas minn tal-Ġermaniżi u ta' l-Ingliżi u dawn għandhom dawn il-*brains* kollha ta' livell għoli jaħdmu hemmhekk. Infakkarkom li Mary Warnock hija *philosopher by profession*. Aħna missna nappellaw lil wieħed minn dawn il-*groups* bl-*input* ta' min qiegħed hemmhekk biex ikollna kontroll min għandhom. U dan bl-ebda aspett ta' kolonjalizmu għax jekk se ngħidu li dan kolonjalizmu mela l-*colleges* u l-ispeċjalisti kollha ta' Malta għandhom l-aspett kolonjali. Dan m'hu xejn ħlief xi ħaġa

pragmatika u prattika fejn niesna jistgħu jieħdu dak li huwa l-aħjar mill-medja ta' l-Ewropa u nżommu saqajna ma' l-art.

L-għada li jkollkom *legislation* hawnhekk tant tkun ristrettiva li se twaqqaf kollox. L-għada li intom ikollkom *regulatorary body* Malti hawnhekk, tant se jkun hemm *conflicting interests* u taħwid li se twaqqfu kollox. U jekk se twaqqfu kollox, mhux se twaqqfu kollox għall-*assisted reproductions* biss, imma se twaqqfu kollox ukoll għal *stem cell* li minn hawn u ftit snin oħra l-benefiċċji tagħha xorta se jidħlu *whether you like it or not.* Xorta se jkollkom Maltin li jsiefru biex jagħmlu PGD u l-*assisted conception, whether you like it or not*. Irridu niffaċċjaw ir-realtajiet tax-xjenza kif qed tiżvolġi llum u r-realta' tax-xjenza kif qed tiżvolġi tirrikjedi li aħna b'eċitament u b'entużjazmu nilqgħu l-isfidi li ġġib magħha x-xjenza, u dan mhux bil-biża` u bit-terrur, kollox ħażin, kollox iswed bi *clichés* il-ħin kollu ħerġin mill-*internet.* Dik mhijiex ir-realta' tal-ħajja. Mhuwiex veru li għandha *queues* ta' *sperm donors* hawn Malta. Kieku veru li aħna għandna *queues* ta' *sperm donors* li qed nagħtuhom Lm100 kull wieħed kieku lanqas għandna bżonn ninkwetaw iżjed fuq l-istipendji, nista' nassigurak. Jiġifieri rridu nżommu saqajna ma' l-art fuq realtajiet. Irridu naraw it-*thrust* ġenerali x'inhu. Jekk ghandek sikkina m'għandekx tibbenjaha għax xi ħadd użaha biex joqtol lil xi ħadd. Dak mhux ir-raġunar tat-*training* tiegħi fl-iskola fejn mort jien. Min jużaha biex joqtol huwa l-kriminal mhux is-sikkina fiha nnifisha.

L-appell tiegħi hu li mmorru għal *reference committee* serju, ta' esperjenza vasta li huwa *a breath of fresh air* imma fl-istess ħin strettisimu fl-esiġenzi tiegħu. Anke fejn iżzomm id-data jirrikjedu li jkunu jafu. Ara taħsbu li b'xi *Warnock Committee* jew bl-HFEA għax preżentement hemmhekk qed nappella…. Nispera li 'l quddiem jkun hemm *a European body* sew li għandu l-*executive power* li nistgħu nappellaw lejha. Bħalissa la l-*colleges* tagħna kollha huma abbinati ma' l-Ingliżi u peress li nafu li l-HFEA hija l-iktar waħda avvanzata u l-iktar waħda stretta f'dan il-kamp għandna nistaqsu lilhom biex jiġu jispezzjonaw iċ-ċentri fejn aħna se jkollna din it-tip ta' *biotechnology,* u b'*inspections* minn għandhom u b'*input* ta' min qiegħed f'pożizzjoni ta' awtorita` vera nkunu nistgħu nimxu 'l quddiem u nevitaw sqaq li minnu ma noħorġux.

Nixtieq nagħlaq billi nissottometti dawn id-dokumenti:-

> Kopja ta' artiklu mill-ġurnal ''*The Times*'' tat-22 ta' Ottubru, 2004 intitolat "*Now the Pill is proven to be good for you*";
>
> Ittra datata 17 ta' Jannar, 2005 b'lista ta' nies li nħoss li għandhom jiġu mistiedna biex jitkellmu quddiem il-Kumitat;
>
> Rapport maħruġ mis-*Select Committee on Stem Cell Research* tal-*House of Lords* tal-Parlament Ingliż dwar *Stem Cell Research* datat 13 ta' Frar, 2002; u
>
> Estratt mill-*Human Fertilisation and Embryology Authority Regulations – Part 8 – Use of Gametes and Embryos*.

Nrringrazzjak.

**THE CHAIRMAN:** Hawn xi domandi? L-Onor. Azzopardi.

**ONOR. FREDERICK AZZOPARDI:** Prof. Brincat, fuq din tal-bord regolatorju qed nifhem sewwa li inti qed tgħid li m'għandniex in-nies kapaċi?

**PROF. MARK BRINCAT:** Fl-opinjoni tiegħi m'għandniex nies kapaċi. Jien modestament li kont professor għal erba' snin f'mediċina riproduttiva nqis li lanqas jien ma jien kapaċi għal dawn it-tip ta' kontrolli. Jien nista' nkun membru wieħed, pero' xorta ngħid li sfortunatament m'għandniex nies kapaċi.

**ONOR. FREDERICK AZZOPARDI:** Jiġifieri lanqas jista' jkun bord imħallat, Maltin u barranin?

**PROF. MARK BRINCAT:** Dejjem ikun hemm *input* Malti. Meta jiġu *visitors* jassessjaw id-dipartiment tagħna dejjem ikollna *input* għaliex dawn jieħdu *in consideration* l-kultura tagħna wkoll. Mhux qed ngħid li dawn jiġu u nagħmlu bilfors li jgħidulna huma. Imma almenu jneħħulna 90%. Pero' m'hemmx bżonn li nerġgħu nivvintaw ir-rota. Ir-rota ġiet ivvintata diġa'. Jekk nippruvaw nivvintaw ir-rota mhux se ddur.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Gonzi.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Jiena bħala tabib u bħala *general practitioner,* ili għoxrin sena issa, naf kif taħdem inti u naf kif jaħdem Dr Josie Muscat ukoll. Jiġifieri naf li l-ġid li intom tagħmlu huwa enormi għax li ċerti pazjenti li kienu infertili u issa għandhom it-tfal huwa effett sabiħ. Jiġifieri meta inti qed tgħidilna li qed nippruvaw jew nistgħu nippruvaw nagħlqu l-avvanz fix-xjenza naħseb li għandek żball kbir.

**PROF. MARK BRINCAT:** Mhux għalik qed ngħid.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Naf, konvint. Imma naħseb li anke l-kollegi tiegħi hekk jaħsbuha. Lilna ċerti avvanzi fix-xjenza, aħna naqraw bħalek, jagħtina speranza iktar 'il quddiem. Biss ma nistax naċċetta li toħroġ b'kumment li l-*embryo* qisu xi ħaġa biċċa …. (Interruzzjonijiet)

**PROF. MARK BRINCAT:** Le, mhux qed ngħid hekk.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Għaliex inti għedt li *there is a question mark* meta se tibda l-ħajja. Issa l-fatt li hemm *question mark* meta se tibda l-ħajja, il-*question mark* tista' tkun lilek meta, tista' tkun lili u nista' nistaqsi lil dawn li hawn fuq il-lista tajtna biex jgħiduli meta l-*conception* tibda. Imbagħad meta jgħiduli l-ġurnata u l-ħin jibdew il-problemi. Id-domanda tiegħi fil-bidu kienet – u jien naqbel miegħek 100% fuq IVF - dawk l-*embryos* x'se jsir minnhom? Inti qed tgħidilna li dawk it-tliet *embryos* se jiġu *implanted.* Issa jekk jiena nagħmel *leġislation* u ngħid li l-*embryos* li se jiġu fformati jridu jiġu kollha *implanted,* jekk mhux se jiġu *implanted* x'se jsir minnhom? Illum m'hemmx leġislazzjoni li li tgħidli dawn l-*embryos* x'sar minnhom. X'sar minnhom? Ramewhom x'imkien? X'se jiġri?

L-istess ħaġa wkoll, m'hemmx *legislation* li tgħid l-isperma se tiġi mħallta jew se nġibu *embryos* minn barra minn Malta. M'hemmx leġislazzjoni, bħalissa tista' ssir din il-biċċa xogħol. Jien mhux qed nitkellem għall-pazjent bħalissa għaliex probabbilment għall-pazjent, għall-individwu, tista' tgħidilna li hi tajba. Imma bħala *regulation it is right, is it wrong*? M'għandux għalfejn ikun hemm *regulation* fuq din il-biċċa xogħol? Jekk jien se niżviluppa tliet *embryos* u se jiġi *implanted* imma *definitely* mhux se jkolli *extra embryos* li se jiġu ffriżati jew li se jinbigħu u se nagħmel il-*business* minnhom… Naħseb li għandu jkun hemm xi tip ta' *regulation.*

**THE CHAIRMAN:** Pero` biex inkunu ġusti, s'issa l-Prof. Brincat ma qalx li m'għandux ikun hemm regolamentazzjoni. Qed jgħid li mhux kapaċi ssir Malta. Aħjar isiru barra. (Interruzzjonijiet)

**PROF. MARK BRINCAT:** Jien għandi rispett enormi għall-*embryos*. Ara taħseb li m'għandix. Imma dan huwa *debate fino in fondo* u nispera li b'din id-*debate* wieħed jista' jesprimi ruħu. (Interruzzjonijiet) F'*debate* trid tgħid li m'għandniex naċċettaw li kollox huwa *cut and dried,* pero' *niente di meno* s-*safeguards* naqbel miegħek mija fil-mija li jridu jsiru. Aħna qed noperaw f'sistema *self-imposed,* imma jekk xi ħadd jiftaħli *clinic down the road* jista', minħabba l-abbużi li jagħmel hu, jgħarraq lilna.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Hekk hu.

**PROF. MARK BRINCAT:** Allura jien irridhom dawk is-*safeguards.* Pero` li qed ngħid huwa li dawk is-*safeguards* iridu jkunu magħmula min-nies b'esperjenza vasta. U jien sfortunatament ngħid, u nerġa' naċċenna, li f'Nottingham jien kont sottomess għall-*inspections* minn l-iktar nies ħarxa u stretti mill-HFEA. Kien ikun hemm biża` u anzjeta' kull darba li kien ikun hemm dawn l-*inspections*.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Dak barra minn Malta. Hawn Malta m'għandekx din is-sitwazzjoni.

**PROF. MARK BRINCAT:** Għalhekk jien irridhom jiġu jagħmlulna l-istess ħaġa bl-*input* tagħna. L-Irlandiżi qalulhom li huma m'għandhomx abort u li ma jimpurtahomx x'għandhom fiċ-*channel* tagħhom. U aċċettawha, qed tifhem? Pero' kellhom il-makkinarju, kellhom l-esperjenza tas-snin li mill-ewwel marru *into full gear.* Aħna għandna l-esperjenza ta' meta jiġu tar-Royal College. Jiena naf x'jiġri. Imma jien wieħed. Qed tifhem? Mill-ewwel jispotjaw li għandek il-*journals* neqsin, li mhux qed tagħmel il-konferenza dipartimentali darba fil-ġimgħa u jispottjaw ukoll il-livell tal-*juniors* tiegħek. Għaliex? Għax għandhom l-esperjenza. Il-*parameters* ta' Malta huma li ma rridux *frozen embryos,* per eżempju. Per eżempju qed ngħid għax irridu noqogħdu attenti fuq din il-biċċa xogħol.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Dik hija waħda mill-affarijiet li rridu nilħqu.

**PROF. MARK BRINCAT:** Aħna jekk rridu niddeċiedu li ma rridux *frozen embryos*, niddeċidu li ma rridux *frozen embryos.* Dik mhux problema. Il-problema tiegħi hija min se jirregolarizza. Jien irrid *a regulatory body* serju li jaf x'qed jagħmel u mhux qishom qed jiskopri l-Amerika mill-ġdid, *re-inventing the wheel.* Ovvjament bl-*input* ta' nies dipartimentali għax l-ewwel u qabel kollox il-lealta' tagħna hija lejn id-dipartiment u lejn il-gvern ċivili. Issa jekk aħna mid-dipartiment niddeċiedu li għandna bżonn nikkoptjaw lil xi ħadd jew ieħor, imbagħad tridu tafdawna għaliex jien ġejt appuntat mill-Prim Ministru biex immexxi d-direttorat tal-maternita' *within the Maltese Islands.*

Nhar is-Sibt kelli mmur nispezzjona Għawdex, per eżempju, qed tifhem? Jiġifieri aħna qegħdin naħdmu imma imbagħad nutilizzaw il-*hardware* ta' xi ħaddieħor, nimmodifikawhx daqsxejn u mhux noqogħdu nibdew hardware mill-ġdid bl-iżbalji u bil-frejjeġ kollha li tagħmel. Jekk se tixtri *package* mhux tibdih mill-ġdid, imma taqbad u tixtrih *off the shelve*.

**THE CHAIRMAN:** Dan huwa ftit differenti mill-argument li għamilt l-ewwel għax fil-fatt jien kont se nkompli ftit ma' Dr Gonzi …. (Interruzzjonijiet)

**PROF. MARK BRINCAT:** Pero` l-*embryos* **l**-ewwel u qabel kollox irridu nissalvagwardjawhom. Il-*gametes* huma sagri .... (Interruzzjonijiet)

**THE CHAIRMAN:** Jekk inti qed tgħid fuq meta tibda l-ħajja umana hemm il-*question mark* bħala xjenza.... (Interruzzjonijiet)

**PROF. MARK BRINCAT:** Imma hemm id-dibattiti filosofiċi anke minn patrijarki Kristjani. Pero' mhux għax għandek id-dubju fuq l-argument taqbad u tarmi l-*embryos*. Jien qed ngħid li rridu noqogħdu attenti fid-dibattitu għax ċerti affarijiet m'humiex *cut and dried*. Pero' m'iniex ngħid li l-*embryo* naqbduh u niddiskardjawh. Anzi anke jekk nkunu nafu li hemm ċans li l-*embryos* huma *chromosomally abnormal* m'għandux ċans li jimplantja, lanqas biss nagħmlu PGD, inpoġġuh ġewwa imbagħad bħan-natura, li għandu jeħel jeħel bażikament.

**THE CHAIRMAN:** Jien qed naċċetta l-argument tiegħek, li rrid nistaqsi huwa dan. Jekk imbagħad allura l-bord regolatorju jkun kollu kemm hu għall-argument barrani, u allura biex inti tiddefinixxi x'inhi persuna umana hija xi ħaġa filosofika li mbagħad finalment se tiddependi fuq valuri, ma jkunx

hemm ftit problema li tkun xi ħaġa totalment xjentifika forsi *out of context* ta' pajjiż?

**PROF. MARK BRINCAT:** Il-*Warnock Committee* mhux magħmul biss mix-xjenzjati. Hemm ħafna nies li huma avukati u filosofi. Imma l-lista hija waħda ta' nies impressjonanti. Imma pajjiż enormi jista' jimmobilizza *manpower* li jkun tremend, ma nafx kemm-il *lord* u *lady*. Din mhijiex kwestjoni ta' servilita`. Anzi kif ikun hemm wieħed Ewropew għandna mmorru niġru għalih, kif fil-*European College* jien inkun magħżul biex nagħmel *assessment* ta' xi *unit* ta' xi ħaddieħor. Immur hemm għax aħna kollha *trained* imbagħad, m'hemmx Malti u mhux Malti. Pero' jekk jiġi *a visiting committee* hawnhekk biex jispezzjona għandu l-*input* tagħna. Irid ikollu l-*input* tagħna. Huma mbagħad m'humiex *puppets,* jindunaw jekk qed tagħmel xi ħaġa mhux sew. Aħna ngħidulhom li hawn Malta qed naħdmu fuq il-parametri ta' tliet *embryos* jew żewġ *embryos* biss u li ma rridux *frozen embryos*. Dawn huma l-parametri tagħna. Huma mhux lejn dan biss jibdew iħarsu imma jibdew iħarsu fejn iżżomm id-*data,* kemm qed tagħmel *counselling....*

**THE CHAIRMAN:** Imma dawk il-parametri min se jagħmilhom?

**PROF. MARK BRINCAT:** Dawk il-parametri jridu jkunu parametri mhux riġidi ħafna imma jkunu *generalisations,* li huma għandhom diġa`. Preżentament jgħidlek jekk inti *under 40* żewġ *embryos*, jekk inti *over 40* trid tliet *embryos*, per eżempju. Aħna kulma qed ngħidu *no freezing* jekk il-kumitat jiddeċiedi hekk. Allura trid taħdem f'dawk il-parametri u trid iżżomm *record* fuq kull pazjent bil-miktub. Jekk huma jaraw li r-*records* tiegħek huma defiċjenti jneħħulek il-liċenza. Dawn huma affarijiet li huma *standard in the UK*. Jirrapportawk lid-dipartiment tas-saħħa u jneħħilek il-liċenza. Jistgħu huma direttament ineħħulek il-liċenzja, imma jekk niddeċiedu li rridu nirrapportaw lura lis-sanita' jneħħihielek id-dipartiment tas-sanita`. Hemm ħafna mezzi kif tista' tinforza dawn l-*inspections* stretti. Hemm l-aspett psikoloġiku, hemm l-aspett etiku u l-aspett finanzjarju. Kollox jidħol taħthom dawn l-*inspections*.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Gonzi.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Xtaqt inkompli wkoll argument fuq ta' l-*embryo*. Jekk inti allura taċċetta ċertu *timing* ta' meta *embryo* huwa *human*, inti se jkollok problema wkoll fuq l-i*stem cell* għax biex tippikkja *stem cell* mill-*embryo,* l-*embryo* trid toqtlu.

**PROF. MARK BRINCAT**: Jekk inti se tagħmel *stem cell research* fuq *embryo*.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: *That's the point*. Għalhekk *stem cell* hija xi ħaġa li kważi ma tantx nixtieq nidħol fiha għax imbagħad se tidħol fi problema totalment differenti.

**PROF. MARK BRINCAT:** Pero' l-HFEA ġew inkarigati mill-UK biex ukoll jidħlu fi *stem cell research*.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Pero` jekk jiena naf, per eżempju, li x-xjenza tista' ġġib *stem cell not from an embryo but from a buccal cell*, ir-*research* għaddej minn fażi interessanti li l-i*stem cell research* qed imur fuq *buccal cells* jew inkella fuq *cells* oħrajn u m'hemmx għalfejn noqgħod noqtol jew niddistruġġi l-*embryo,* allura etikament ma rridx nistenna dik ir-*research* milli noqgħod inserraħ fuq ix-xjenza u ngħid viva x-xjenza u mmur fuq …. (Interruzzjonijiet)

**PROF. MARK BRINCAT:** Għandek raġun, imma dik hija x-xjenza tagħna. Aħna ddeċidejna li ma naċċettawx *genetical modified foods,* per eżempju, imma r-*research* fih ħafna binari.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Meta mbagħad qed nitkellmu fuq l-i*stem cell* li inti qbilt ħafna u Interessanti u vera hija nteressanti, imma mbagħad *it poses another ethical problem* għax qed tinvolvi l-*embryo*.

Jekk ma jimportax l-aħħar domanda. Jien aċċettajt li tliet *embryos* se jiġu *implanted*, jekk minn dan l-*embryos* inkun naf li hemm *chromosomal abnormality* se tiġi impjantaha?

**PROF. MARK BRINCAT**: Trid taċċetta l-prinċipju tal-PGD biex tagħmel hekk. L-ewwel ħaġa dawn il-*chromosomal abnormalities* ħafna drabi ma tkunx taf bihom għax dak il-ħin stess tkun qed timplantjahom. Biex taċċetta l-konċett tal-PGD qed taċċetta l-konċett li jew ikunu *blastocyst* jew ikunu *frozen*. Imma dawn huma affarijiet tekniċi li għandi impressjonijiet fuqhom jien. Imma għalhekk għandek xi ħaġa bħal din l-*authority*. Dawn mhux ġew illum imma xogħolhom 20 sena jaħdmu fuq dawn l-*issues* biss. Jien ngħidlek li hija problema serja jekk inti għandek *a lethal chromosomal abnormality,* forsi dak l-*embryo* ma jimplantjax. Jien ma nafx x'nagħmel, jiddependi xi *chromosomal abnormality* qed tfittex. Pero` *once again* dawn huma sfortunatament ir-raritajiet. Kemm ikollok inti pazjenti fir-realta li qed jiġu għandek għall-IVF għall-*chromosomal abnormality*. Forsi kelli tnejn jew tlieta f'dawn l-aħħar 20 sena. *Offhand* ma nistax niftakar waħda li kellha *a lethal chromosomal abnormality* jew *huntington's* jew *whatever* li ġiet għall-PGD u kellha IVF. Aħna rridu dejjem inżommu l-*general thrust*. L-affarijiet l-oħrajn nistgħu nimmodifikawhom.

Nerġa` niġi għall-i*stem cells*. Ma rridux nerġgħu naħarbu mill-idea li *stem cells* huma *embryos* biss. U ma rridux noqogħdu naħsbu li l-*embryos* huma kollha *embryos*. Ftit minnhom huma soppa ta' ċelloli li qatt ma jkunu *embryos*. Per eżempju, hemm *a famous line* ta' *cervical cancer cells* li nużaw għar-riċerka. Akkwistawha minn mara li mietet minn *cancer* f'xi *South American State* u tant irreplikaw minnhom illum dawn iċ-ċelloli li l-*weight* totali ta' dawn il-*cancer cells* huwa ma nafx kemm-il darba iżjed minn kemm kienet tiżen din il-mara oriġinarjament. Jiġifieri mhux reġgħu kkreaw din il-mara. L-istess nista` ngħid fuq *Dolly the Sheep* lanqas jafu minn fejn ġie l-*fibroblast* għax kien xi *fibroblast cultured* hemmhekk u utilizzawh, per eżempju.

**THE CHAIRMAN:** Nirringrazzjak tal-preżentazzjoni tiegħek. Issa għandna lill-Onor. Michael Asciak li bħala membru parlamentari jixtieq jagħmel xi mistoqsijiet.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** L-ewwelnett nixtieq nirringrazzjak tal-preżentazzjoni li għamilt fuq is-suġġett, pero` *I need some straight answers* fuq ċerti problemi. Kif qal l-Onor. Michael Gonzi meta tikkontrolla, l-intenzjoni ovvjament ma tkunx li twaqqaf imma li taċċerta ruħek minn ċerti prinċipji etiċi. Inti għedt sewwa li jkun hawn miżżewġin li m'għandhomx tfal u li għandhom jiġu mgħejjuna għax ikollhom ħafna *pressure* u ħafna problemi. Pero' l-awtoritajiet kemm tas-saħħa u kif ukoll tal-pajjiż iridu wkoll jiddefendu l-pożizzjoni ta' l-*embryos* li ma jistgħux jitkellmu u li skond il-*liġi* ta' Malta għandhom l-istess drittijiet bħalma għandhom il-ġenituri, partikolarment id-dritt tal-ħajja.

Irrid ngħid li *I didn't get an answer* bażikament fuq żewġ affarijiet. L-ewwelnett *is in vitro fertilisation by sperm donor being carried out,* jiġifieri *not between the husband and the wife? That is one answer I would like to hear.* It-tieni domanda li rrid nagħmillek hija din*: Are there cases* fejn ġew impjantati iktar minn tliet *embryos*? Inti qed tgħid li normalment jiġu impjantati tlieta. *Have there been implantations of more than three embryos*? Issa hawnhekk se tirrispondi u m'hemm xejn kontra l-liġi għax liġi f'Malta ma teżistix. Imma importanti għall-informazzjoni ta' l-awtoritajiet li qegħdin imexxu lil dan il-pajjiż u anke għal dan il-parlament li nkunu nafu r-risposti għal dawn il-mistoqsijiet.

**PROF. MARK BRINCAT:** Jien mhux biss bħala membru tal-Parlament nindirizzak imma anke bħala ċ-*chairman tal-bioethics committee* u nista` ngħidlek *that I am surprised* li tistaqsini dawn id-domandi. *I am surprised* ħafna għaliex it-*thrust* ta' dan

il-kumitat huwa jekk għandux isir il-bord regolatorju. (Interruzzjonijiet) Lili hekk qaluli. L-ewwel ħaġa rridu naqtgħuha li qisu hemm xi ħaġa ħażina f'*donor sperm* u *donor oocyte*. Dan huwa prinċipju aċċettat ħafna. Hija rutina li ilha għaddejja mill-inqas 50 sena u l-programm ta' *donor sperm* u *donor oocyte* huwa programm effettiv ħafna. U mill-inqas 50 sena b'mod kontrollat, għax b'mod mhux kontrollat ilu minn żmien li beda l-bniedem naħseb jien. Imma b'mod kontrollat fil-mediċina din solviet problemi u kellna suċċessi enormi. Jien ma nistħix ngħid li St George's kellna programm effettiv ħafna fuq *donor sperm* fejn kellna riżultati feliċi ħafna. Ma nsemmux l-eċċezzjonijiet. Jien dik li jiddispjaċini, meta nisma` liċ-*chairman* tal-*bioethics committee* jsemmi l-eċċezzjonijiet. It-*thrust* hija ta' *babies healthy*, koppji li baqgħu flimkien, divorzji ma sarux, tfal *adjusted* tajbin ħafna minn *a donor sperm programme which was effectively carried out* u regolarizzat kif suppost. Jien dak li nixtieq nara.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK**: Imma jsir *donor sperm* hawn Malta?

**PROF. MARK BRINCAT:** Jien naħseb li okkażjonalment sar.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK**: Jiġifieri jsir.

**PROF. MARK BRINCAT**: Okkażjonalment sar.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK**: Importanti li nkunu nafu.

**PROF. MARK BRINCAT**: X'inhu importanti li tkun taf? X'inhi t-*thrust* ta' din id-domanda? Jien nixtiequ jsir iżjed b'mod regolarizzat.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Huwa importanti li nkunu nafu għax teżisti l-liġi taż-żwieġ.

**PROF. MARK BRINCAT :** Jeżistu ħafna liġijiet, imma jeżisti wkoll *a donor sperm programme* li huwa effettiv ħafna fl-Ewropa u fl-Istates u ilu għaddej għal ħafna u ħafna snin. M'għandniex għalfejn noqogħdu nitkażaw. Personalment jekk tistaqsini llum min kellu *a donor sperm programme,* jien ngħidlek li ma nafx. Inti qed tallega li jsir u jien nimmaġina li jsir.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK**: Jiena qed nistaqsik jekk isirx. Jien ma nagħmilx *in vitro fertilisation*.

**PROF. MARK BRINCAT:** Il-kwestjoni ta' *donor sperm* m'hijiex *in vitro fertilisation*. Jiddispjaċini, hawnhekk qed inħalltu l-*issues*.

**ONOR. MICAHEL ASCIAK**: Hemm l-*artificial insemination* ukoll.

**PROF. MARK BRINCAT**: Id-*donor sperm* huwa programm ta' l-infertilita`. Irridu nkunu daqsxejn preċiżi għax dan huwa kumitat xjentifiku wkoll.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Imma f"Malta jsir *donor sperm for in vitro fertilisation?*

**PROF. MARK BRINCAT:** Jien ma nafx li jsir b'mod regolarizzat. Pero' kieku kellu jsir m'hemm xejn ħażin jew li nitkażaw bih jekk isir bejn *consenting couple* li huma *properly counselled.* U din mhix kwestjoni ta' liġijiet taż-żwieġ jew liġijiet oħrajn. Din hija kwestjoni ta' *consenting couples* li jridu għajnuna għall-bżonnijiet tagħhom u qed jaċċettaw li dik it-tarbija hija tagħhom it-tnejn. Qed jaċċettawha, għax inti meta tidħol għal *donor programme,* meta tagħmel il-*consent* għaliha qed taċċetta li dik it-tarbija hija tiegħek, qed tagħmilha.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Jiġifieri inti qed tgħid li ma tafx li f'Malta jsir fertilizzazzjoni *by donor sperm.*

**PROF. MARK BRINCAT:** Jien mhux qed ngħid hekk, Dr Asciak, toqgħodx tpoġġi paroli f'ħalqi.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Imma lili għidli jekk tafx li jsir f'Malta *fertilisation by donor sperm.*

**PROF. MARK BRINCAT:** Jien m'iniex se nikser kunfindenzjalitajiet tal-pazjenti tiegħi.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** M'intix se tikser kunfidenzjalitajiet għax mhux se ssemmi ismijiet.

**PROF. MARK BRINCAT**: Din mhijiex xi ħaġa rutina li ssir.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK**: Imma ssir jew le?

**PROF. MARK BRINCAT:** Jien m'iniex dispost li nirrispondiha din id-domanda biex nikkuntenta lilek.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Hawnhekk qiegħed f'kumitat tal-parlament u jien nixtieq risposta.

**PROF. MARK BRINCAT:** Jien diġa' għedt biżżejjed.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Jiddispjaċini, hawnhekk qegħdin f'kumitat tal-parlament u sempliċement qiegħed nistaqsik domanda.

**PROF. MARK BRINCAT:** Jien ngħid li fil-passat saret *donor sperm.*

**ONOR. MICHAEL ASCIAK**: Mela saret f"Malta d-*donor sperm*.

**PROF. MARK BRINCAT**: Pero' din m'hijiex it-*thrust* tad-domanda, Mr Chairman, u jiena rrid ċerta protezzjoni meta jsiru ċerti domandi għax jien ġejt hawn biex nagħti preżentazzjoni vasta u wiesgħa fuq is-suġġett mhux biex noqgħod nisma` u nkun ippersegwitat hawnhekk.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Imma Prof. Brincat, jien rappreżentant tal-poplu u għandi dritt nagħmel ċerti mistoqsijiet.

**PROF. MARK BRINCAT:** Mela ħalli ngħidlek. Hawn 500 *baby* bħalissa mit-*test-tube baby programme.* Bil-*parents* tagħhom kemm jiġu dawk, Sur rappreżentant tal-poplu? Kemm jiġu?

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Imma dak m'għandux x'jaqsam.

**PROF. MARK BRINCAT**: Li tgħid inti għandu x'jaqsam u li ngħid jiena m'għandux x'jaqsam.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK**: Jien nixtieq risposta jekk f'Malta ssirx fertilizzazzjonijiet *by donor sperm*? (Interruzzjonijiet) Tista' tagħtini risposta.

**PROF. MARK BRINCAT:** Diġa' tajtilek ir-risposta.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK**: Iva jew le?

**PROF. MARK BRINCAT**: Mhux diġa` għedtlek iva li saret.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK :** Mela *donor sperm* saret. Dik ġiet stabbilita. Huwa importanti li min se jgħaddi liġi jkun jaf biha għax tista' taffettwa l-leġislazzjoni fuq iż-żwieġ.

**PROF. MARK BRINCAT:** Le, le, jien irrid ninsisti li jsiru *safeguards* biex *donor sperm* u d-*donor oocyte* ikunu aċċettati f'dan il-pajjiż. Jien hekk irrid inpoġġiha d-domanda. Jien mhux se noqgħod niskandalizza għax saret id-*donor sperm*. Jien irrid is-*safeguards* li jien nista' noffri bħalma joffru l-kollegi tiegħi barra *donor sperm* u *donor oocyte.* U ma noqogħdux nitkażaw li …. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MICHEAL ASCIAK:** Imma rridu niċċertifikaw li qed issir biex imbagħad naslu għal dik il-pożizzjoni.

**PROF. MARK BRINCAT:** Anke kieku stess ma ssirx il-*legislation* xorta għandha bżonn ssir, huwa irrelevanti.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Imma sadanittant irridu naraw ħafna affarijiet oħra, u mhux biss mil-lat tax-xjenza. Wieħed irid jara wkoll il-lat reliġjuż u l-lat legali.

**PROF. MARK BRINCAT:** U skużi, Mr Chairman, jien m'iniex responsabbli għal kif jaħdmu l-kollegi tiegħi wkoll. Jien naf x'qed jiġri ….. (Interruzzjonijiet)

**THE CHAIRMAN:** Biex inkunu ġusti, naħseb li l-Professur Brincat qal kemm-il darba li fil-passat jaħseb li setgħet saret u qal ukoll li jaħseb li għandha ssir, imma ssir b'mod regolat.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Issa t-tieni mistoqsija tiegħi kienet jekk qattx sar *implantation* ta' *fertilised embryos* ġo persuna waħda iktar minn tliet *embryos?*

**PROF. MARK BRINCAT:** Rarament saret. Għaliex? Għax hekk kienet ix-xjenza fil-passat. Fil-passat ma kienx hemm *limitations* fuq tlieta jew tnejn. Jekk aħna se nkunu marbutin b'liġi li ma jkunx hemm *frozen embryos,* per eżempju, xi kultant bilfors isir. Pero' saret rarament ħafna u nispjega meta saret.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK :** Saret għax ma kenitx avvanzat ix-xjenza, qed tgħid?

**PROF. MARK BRINCAT:** Saret għaliex ikun hemm qabża *occasionally* fil-kwalita' ta' l-*embryology,* ikun daħal xi metodu ġdid fejn *unexpectedly* r-riżultati tiegħek ikunu aħjar mis-soltu. Allura *occasionally* safejn naf jien, forsi tgħoddhom fuq is-swaba' ta' id waħda, ikun ġara dan il-fenomenu, li inti jkollok erba'. Kieku kont hawn mill-bidu kont tismagħni ngħid li f'erbatax-il sena kellna okkażjoni waħda biss li kellna *quadruplets.* Kellna iktar *quadruplets* minn *clomiphene* u minn *super ovulation....* U rari, forsi kellna xi erba', ħamsa f'14-il sena. Pero' fl-*IVF programme* tagħna minn ma nafx kemm-il ċiklu li ġara - u ċikli qed nitkellmu fuq xi 60 fis-sena - 300 *baby* b'kollox jitwieldu mill-programm tagħna hawn Malta. U rrid forsi naċċenna u ngħid li l-programm tiegħi ta' St Luke's hu daqsxejn differenti mill-programm ta' Dr Josie Muscat. Irridu nagħmlu daqsxejn differenza u aħna nirringrazzjawh li għandna faċiltajiet hemmhekk għax St. Luke's ma kienx permess li jkollna l-faċilitajiet. Imma aħna nippreparaw u nagħmlu l-*counselling* bħala St. Luke's u nutulizzaw il-faċilitajiet sempliċiment għall-użu tal-laboratorju u tal-*pick-up,* l-aħħar *step.* Jiġifieri huwa daqsxejn differenti l-*approach,* għalkemm aħna niftiehemu ħafna fuq x'inhu korrett u x'mhux korrett. Jiġifieri meta ġew impjantati ergħba dan ġara minħabba r-raġunijiet li spjegajt. Meta aħna, per eżempju, indaħħlu xi ħaġa bħal *assisted hatching* xi kultant ikollok riżultati iktar tajbin minn kemm wieħed jistenna, imbagħad ic-*cycle* li jmiss terġa' żżomm ir-riedni biex ma jerġgħux jiġru dawn l-affarijiet.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK :** Nixtieq nistaqsi xi ħaġa fuq il-*hyper stimulation.* X'inhi l-proċedura, normalment ikun hemm *hyper stimulation of ovaries*?

**PROF. MARK BRINCAT:** Jiena naħseb li hu importanti li wieħed ikun daqsxejn aġġornat fuq ix-xjenza minħabba din il-biċċa xogħol. Is-*super ovulation* illum huwa *sine qua non* mhux biss għal kull *assisted conception cycle* imma wkoll għal kull *super ovulation cycle* li tagħmel li huma 40% ta' l-*infertility couples* tagħna. Jiġifieri *hyper stimulation* isir kull darba li tagħmel *super ovulation*. Ir-rata ta' *hyper stimulation as such,* li hija patoloġika kemm ilna li qed navvanzaw fix-xjenza, bħalma javvanza kulħadd, hija problema universali pero' hija waħda minima. Jekk tistaqsini hux qed issir bilfors ngħidlek li qed issir xi kultant. Jekk tgħidlek qatt tiġi fuqek *bus* jew karozza ngħidlek iva xi kultant tiġi fuqek *bus* jew karozza. Sa ċertu punt id-domanda għandha tkun jekk *hyper stimulation* tinkwetanix. U kif anke għedt fil-preżentazzjoni m'hawnx

proċedura waħda fil-mediċina li hija mingħajr riskji. Pero' r-riskji ta' l-infertalita` huma reali wkoll.

Meta jkollok mara b'*depression* qawwija fuqha, meta jkollok *suicides*, meta jkollok divorzji, meta jkollok *chronic ill-health* u jkunu minħabba affarijiet psikoloġiċi jew raġunijiet għax ma jkollhomx tfal – meta ma jkollokx tfal hemm ħafna mard li tkun espost għalih – bilfors ikollok ir-riskji. *At the end of the day* anke jekk tieħu pencillin għandek ir-riskji. Meta qed tidħol fil-quċċata l-iktar għolja ta' *treatment* ta' *infertility*, fejn għandek persentaġġ żgħir ħafna ta' nies - lanqas 5% ta' l-*infertifily* tal-piramida kollha - *you are involved in high risk work* u għalhekk inti trid tkun ittrenjat sew biex tista' tikkopja sija mal-kumplikazjonijiet li jistgħu jinqalgħu u sija mal-proċeduri sew.

Din m'hijiex xi ħaġa li xi ħadd jista' jqum fil-għodu u jibda jagħmel l-IVF. Taħtek irid ikun hemm struttura enormi ta' kollegi u ta' *laboratory staff* biex ikunu jistgħu jikkopjaw ma' komplikazzjonijiet, meta u jekk jiġru. *Hyper stimulation* hija *a well known rare complication*. U jekk fil-*current knowledge* tax-xjenza ma tagħmilx daqsxejn ta' *super-evulation* tista' taqbad u tagħlaq mhux biss il-programm ta' l-IVF imma wkoll ta' l-40% ta' *infertility cases* li għandna, li *it's only thanks to super ovulation* li għandhom ċans aħjar mis-soltu biex joħorġu *pregnant*.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Chircop.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** B'mod assolut, kemm tikkalkula li hawn koppji li huma eliġibbli għal dan it-tip ta' trattament hawn Malta? U fil-fatt kemm hemm minn dawn li qegħdin jaslu biex ikunu jistgħu jirċievu t-trattament, ovvjament fil-privat hux hekk?

**PROF. MARK BRINCAT:** Le, Dr Chircop, mhux ovvjament fil-privat. L-ewwelnett jien qiegħed hawn bħala direttur tad-dipartiment u din hija *misconception* serja ħafna u kemm-il darba kkoreġejniha tul dawn l-aħħar 14-il sena. Il-*bulk* ta' l-*infertility work* huwa kollu *available* b'xejn f'St. Luke's.

**ONOR. KARL CHIRCOP**: Imma jiena qed ngħid għall-IVF.

**PROF. MARK BRINCAT**: Pero' dik hija problema etika oħra. Il-problema ta' l-IVF hija problema etika oħra. Issa rrid nerġa' naċċenna wkoll, nerġa' nirrepeti ma jimpurtax, li aħna fl-1993 kellna l-pjanti u bnejna *an IVF unit* f'St. Luke's. Jiġifieri dik għall-kuxjenza morali għax *at the end of the day* mhux kollox b'xejn fid-dinja. m'hemm xejn ħażin li xi ħadd fil-privat jgħinna biex nistabilixxu programm. Pero' il-unit jeżisti u ġie mwaqqaf. U dan il-*unit* bellezza għall-IVF illum qed nużawh biex nittestjaw nisa li huma inkontinenti mill-awrina u għar-raxkamenti. Għalhekk qed jintuża. U f'Mater Dei jiena ddisinjajtu - I got away with it għax f'sentejn jew tlieta ħadd ma nduna li kien hemm dan fil-pjanta - u mbagħad *one fine day* għamluli salib u l-programm waqaf allavolja konna anke sa wasalna biex nordnaw l-*equipment*.

Issa kemm nisa huma effetwati? Mela għandna *one in seven* nisa li huma effetwati mill-infertilita', bis-*socio-economic reasons* li għandna llum in-nies qed jiżżewġu iktar tard u iktar ma jiżżewġu tard iktar tiżdied l-infertilita`. Sa *the age of* 30 il-fertilita' *is down by* 50%, fl-*average* għax hemm każijiet fejn tinżel iżjed l-infertilita`. Issa għandna ċertu mard hawn Malta li huwa prevalenti li dik l-*infertility* jagħmilha iktar serja. Għandna *an increasing number* ta' irġiel bi *sperm counts* li huma baxxi, li tagħmilha iktar serja. U kif taf inti din hija problema serja u tidħol fir-ruħ ta' koppja miżżewġa fejn dawn la għandhom divorzju, la għandhom l-*option* li jkollhom *donor sperm* u aħna ma ninkoraġġuhomx li jmorru jsibu *partner* ieħor - qed nitkellmu fuq mediċina hawnhekk - u dawn li żżewġu qed iħossu li kollox huwa magħluq u mblokkat. Jiġifieri din hjia problema serja u aħna għandna dan in-numru ta' nisa dejjem jiżdied li qed jiġu jirrikorru għandna għall-għajnuna għall-infertilita'.

Dan in vista ta' ambjent fejn il-*birth rate* nieżla.

**ONOR. KARL CHIRCOP**: Kemm tikkalkula, bħala persentaġġ, li huma lesti għall-IVF?

**PROF. MARK BRINCAT:** Għall-IVF forsi jaslu 40 jew 60 fis-sena. Għalhekk qed ngħid li l-*legislation* ma tagħmilx sens, li huma kollha każijiet differenti ħafna minnhom għax inti bl-IVF qed tagħmel *shortcut* tal-problemi li mhux dejjem tifhimhom. Jista' jkollok problema fil-mara, problema fir-raġel, problema li ma tistax tidentifikaha. Jiġifieri dawn kollha għandhom bżonnijiet differenti. Meta inti qed tippjana għall-*IVF cycle* trid tippjana skond l-individwi. Pero' it-teknoloġija li aħna qed nużaw għal dawn in-nisa hija li nippreparawhom f'St. Luke's u mbagħad jagħmlu l-*pick-up* f'St. James. Jiġifieri l-*pick-up* biss hija privata mhux il-preparament tagħhom. Min irid imur privat għal *super ovulation* jista` jmur ukoll. Pero' aħna noffru l-*basic infertility*, il-*clomiphene* u mbagħad is-*super ovulation* u l-IVF fil-quċċata hemm fuq.

It-teknoloġija li żviluppajna għall-IVF qed tgħin il-filati ta' isfel. Għalhekk jiena ninkwieta meta noqogħdu nitkellmu fuq *super ovulation.* Jekk se noqogħdu ngħidu *hyper stimulation, super ovulation, IVF* qed naffetwaw l-40% l-oħra li għandhom bżonn *super ovulation* għan-*normal intercourse* jew *insemination.* L-*ultra sound skills* li tgħallmu l-*ultrasonographers* tagħna tgħallmuhom għall-IVF imma qed jutilizzawhom għal-filati ta' isfel ukoll. Pero' in-numru ta' *infertile couples* huwa sostanzjali, *one in seven* ta' min qed jiżżewweġ.

**THE CHAIRMAN:** Grazzi ħafna tal-preżentazzjoni tiegħek li kienet waħda estensiva ħafna u ngħaddu wkoll għal preżentazzjoni oħra minn Prof. Alfred Cuschieri. Bażikament ħadt il-ġist tad-dibattitu ta' *what concerns* lil-leġislatur u nixtieqek tindirizza ftit dawk id-domandi.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** L-ewwelnett nirringrazzja lilek Sur President, u lill-kumitat talli għoġobkom tistednuni biex nieħu sehem f'dan id-dibattitu. Il-*punto di vista* tiegħi huwa daqsxejn aktar moderat minn dak tal-Professur Brincat għax filwaqt li naqbel kważi ma' kollox f'dak li qal, l-importanza tal-pazjent u li nagħtuh l-aqwa kura li hjia possibbli, naħseb li qed jieħu punt li huwa daqsxejn utilitarista żżejjed u ċerti problemi lanqas biss ipprova jindirizzahom għaliex evidentement f'għajnejh il-pazjent jissupera dawn, jew għallinqas hekk naħseb jien.

Hawnhekk qed nittrattaw problemi li jaffetwaw il-qalba tal-ħajja għax qed jikkonċernaw prinċipalment il-bidu tal-ħajja u s-saħħa, u dawn huma d-drittijiet tal-bniedem. Imma l-kontroversja etika li tqanqlet, issa u ilha ġejja, hija li hawnhekk għandna taqbida bejn id-dritt għall-ħajja u għas-saħħa minn banda waħda u mill-banda l-oħra d-dritt għall-fehma ħielsa. Jekk inħarsu lejn it-teknoloġija fil-prokreazzjoni nsibu li kien hemm katina sħiħa ta' żvilupp li sar matul l-aħħar 50 sena li bdiet mill-ippreservar ta' l-isperma fid-*deep freeze* u l-inseminazzjoni artifiċjali fil-bniedem, kompliet bl-IVF fid-diversita' kollha tal-konċepiment assistit u llum laħqet il-qofol tagħha fil-*cloning* u fl-i*stem cells*.

Qed insemmi din bħala katina waħda għaliex il-problemi etiċi li nqalgħu huma kollha inter-relatati, u forsi m'humiex ġodda dawk li qed niddiljaw magħhom issa. Li ħareġ minnhom dawn il-proċeduri nistgħu ngħidu li kienu revoluzzjonarji għaż-żmien li bdew, forsi issa m'għadhomx. Imma qabel, kull darba li ġiet introdotta waħda minn dawn il-proċeduri, dawn ġabu magħhom bosta problemi etiċi u implikazzjonijiet soċjali. Illum il-*cloning* u l-i*stem cells* iwegħdu prospetti kbar, ħadd ma ħolom bihom qabel, ta' fejqan minn diversi mard kiefer li jikkawża ħafna tbatija, diżabilita' u mewt ta' eta' żgħira. Imma ħafna minn dawn għadhom biss prospetti, u għalkemm m'hemm l-ebda dubju li għad iridu jiġu mwettqa, sal-lum wasslulna biss

problemi u kontroversji etiċi. Għalhekk jinħtieġ li nindirizzawhom bħalma qiegħed isir bħalissa.

Dawn il-problemi etiċi nistgħu naqsmuhom f'żewġ aspetti. Għandek dawk li jirrigwardaw il-problemi fit-twettiq tar-riċerka dwar il-prokreazzjoni u dawk li joħorġu mill-applikazzjoni tar-riżultati tar-riċerka tal-bioteknoloġija u l-użu tagħhom fil-prattika. Se nibda mit-tieni aspett. Xi wħud minn dawn it-teknoloġiji, għalkemm ftit ilu kienu soġġetti ta' polemiċi internazzjonali, illum ġew aċċettati bħala proċeduri li jsiru ta' kuljum, għalkemm b'ċerti ristruzzjonijiet. Ħa naraw daqsxejn kif evolviet il-bioteknoloġija f'dan il-qasam.

L-inseminazzjoni artifiċjali u l-preservazzjoni ta' l-isperma fetħet it-triq biex ikun hemm ulied għal ħafna koppji li qabel ma setax ikollhom, kif qal Prof. Brincat, u għall-ewwel darba t-tnissil tal-bniedem inqata` mill-ħtieġa ta' l-att naturali taż-żwieġ. Imbagħad l-IVF mexa' pass ieħor għaliex bih inqatgħet mhux biss il-ħtieġa li t-tnissil ikun marbut ma' l-att taż-żwieġ imma li jista' jsir barra mill-ġisem. U bħalma qal il-Professur Brincat kien hemm ħafna kontroversji meta sar l-ewwel *test-tube baby,* fil-każ ta' Louise Brown. Ħafna minn dawn il-kontaversji kienu biża' li llum spiċċat. Dak iż-żmien kien hemm ħafna biża` ta' min jaf x'jista' jiġri, għax qed inbagħbsu mal-ħajja, qed inbagħbsu man-natura, ma nafx fejn sejrin, u min jaf x'difetti jistgħu jinħolqu. Kien hemm argumenti morali u implikazzjonijiet legali u anke soċjali u problemi ta' paternita`. Issa llum il-biċċa 'l kbira ta' din il-biża' spiċċat u allura dak li kien japplika dak iż-żmien illum m'għadux għaliex il-proċedura ppruvat ruħha.

Illum għandna l-ICSI li huwa pass ieħor għaliex huwa frott tal-mikro-manipulazzjoni taċ-ċelluli li fiha ċellula waħda tista' titqiegħed preċiż ġol-bajda u allura s-suċċessi huma ħafna ikbar minn ta' l-IVF. Imma fost l-argumenti li nibtu minn dawn l-iżviluppi kien hemm dak ta' l-ippreservar ta' l-*embryos* fid-*deep freeze* biex jekk *embryo* ma jaqbadx meta jitpoġġa fil-ġuf ikun hemm oħrajn li jistgħu jiġu wżati wara. Dan jista` jżid ir-rata ta' suċċess tal-proċeduri u jnaqqas anke xi ftit l-ispejjeż. Imma l-kontroversji qamu dwar x'se jiġri mill-*embryos* żejda. Ħafna ħasbu li l-priorita` kienet li kull koppja kellha d-dritt li tikkonċepi tarbija.

Il-prattika ta' l-ippreservar ta' l-*embryos* ġiet aċċettata għaliex m'hemm xejn intrinsinkament ħażin fil-proċedura fiha nnifisha għax l-*embryo* m'intix qed toqtlu. Imma r-riżultat kien li wara snin kienu nġabru għadd kbir ta' *embryos* mhux użati u ma baqa` l-ebda triq li jiġi aċċettat li dawn l-*embryos*, li huma biss ċelluli li jidhru taħt il-*microscope* jinqerdu, waqt li oħrajn ħassew li dan huwa qtil ta' ħajja umana li qatt m'għandu jiġi wżat bħala ħaġa disponibbli. Għalhekk il-kontroversja baqgħet. Kien hemm bosta pajjiżi fi skala nazzjonali li aċċettaw li jkun legali li jsir eċċess ta' *embryos* u wara jiġu distrutti, filwaqt li tħalla għall-individwu nnifsu l-jedd li jekk ma jaqbilx ma' dan jista' dejjem ma jadottax din il-proċedura jekk tmur kontra l-prinċipji jew il-fehmiet tiegħu.

Id-dritt għall-ulied wassal għal ħolqien u possibilitajiet ġodda fid-donazzjoni ta' l-isperma u d-donazzjoni tal-bajda għal dawk li ma setgħux jipproduċuhom, kif ukoll is-self ta' l-utru fis-*surrogate motherhood* u saħansitra, kif diġa' smajna, li t-tnissil isir f'nisa li huma kbar fiż-żmien wara li daħlu fil-menopawsa.

Bdejt minn dawn il-proċeduri li llum jaf bihom kulħadd u m'għadhomx iqanqlu polemiċi kbar għax 'il biċċa 'l kbira ta' dawn it-teknoloġiji, għalkemm ilhom jintużaw hawn Malta għal diversi snin m'huma regolati bl-ebda forma ta' liġi jew regola oħra. Issa dawk li qed jiġu applikati hawn Malta fil-fatt kulħadd jafhom u nafu li qegħdin jiġu osservati l-kodiċi ta' etika professjonali. Imma rridu nqisu wkoll il-possibilita` li jitfaċċa xi ħadd li huwa kkwalifikat li jagħmel dawn il-proċeduri u jiddeċiedi li jiffriża l-*embryos*. Bħalissa m'hemmx regolamenti bħalma hemm, per eżempju, kontra l-abort u

allura ma jmurx kontra l-liġi jekk jiffriżhom. Aħna għandna leġislazzjoni li ma tippermettihx l-abort, imma jekk jiġi xi ħadd u jrid jippreserva ta' l-embryos m'għandniex x'jirregolah. Għandu jkollna din it-tip ta' regolamentazzjoni jew le? Jiena naħseb li għandu jkollna.

Sur President, għandna niżguraw ruħna wkoll li t-teknoloġiji li huma possibbli, sew dawk li qegħdin isiru llum jew li jistgħu jiġu wżati 'l quddiem ikunu mħarsa b'xi regolamentazzjoni jew leġislazzjoni li tgħid ċar liema proċeduri huma permessi u liema m'humiex. Din ma tistax dejjem titħalla f'idejn min iwettaqhom għax inkella jkun hemm *carte blanche* u wieħed jista' jagħmel li jrid. Mhux kulħadd isegwi l-kodiċi professjonali, u tista' tkun qiegħed issegwi kodiċi professjonali u ma tkun qed tikser ebda regola jekk tiffriża l-*embryos*. Allura rridu nkunu nafu preċiż hawn Malta kif qegħdin għax nafu li hawn ċerti pajjiżi li approvaw u oħrajn li ma approvawx l-iffriżar ta' l-*embryos*. Hawn Malta rridu nieħdu deċiżjoni, nallinjaw ruħna, jew naħa jew oħra.

Ħa ngħaddi issa għal problemi aktar topiċi li għandhom x'jaqsmu mal-bioteknoloġija tal-*cloning* u ta' l-i*stem cells* ħalli naraw l-implikazzjonijiet tagħhom. Illum kulħadd jaf x'inhuma l-*cloning* u l-i*stem cells* u m'iniex se nidħol fiha iktar. Din il-kwestjoni hija waħda komplikata u delikata ħafna. Hija komplikata għaliex hemm inter-relazzjoni bejn il-*cloning* u l-i*stem cells*. Fil-*cloning* hemm żewġ proċeduri; dsak maħsub għall-iskop riproduttiv u dak għal skop kurattiv. Ta' min jgħid li hawn ħafna awtoritajiet li qed jagħmlu distinzjoni kbira bejn dawn iż-żewġ proċeduri u ħafna pajjiżi jaqblu li l-*cloning* riproduttiv - dak li huwa intenzjonat biex joħloq individwi li jkunu kopji ta' individwi oħra - għandu jitwaqqaf għalissa. Iżda fl-istess waqt jinsistu li l-*cloning* bi skopijiet terapewtiċi għandu jkompli. Dan huwa sostnut bl-argument sod li dan it-tip ta' *cloning* għandu l-ħsieb li jwassal il-kura u l-fejqan lil numru kbir ta' individwi. Issa għalkemm il-prodott finali u l-iskop huma differenti ħafna ż-żewġ proċeduri huma bażikament l-istess u t-tnejn jinvolvu l-produzzjoni ta' ħajja umana. U hemmhekk hija l-problema.

Fil-*cloning* terapewtiku hemm nuqqas ta' qbil għaliex trid tintemm il-ħajja ta' *embryos* biex jiġu wati ċ-ċelloli tiegħu. Il-paradossa hija li fil-*cloning* riproduttiv m'hemmx kwestjoni li tintemm il-ħajja, iżda t-tħassib huwa għad-drittijiet ta' l-individwalita` għax l-individwu li hu disinjat biex ikun kopja ta' ħaddieħor ma jistax igawdi l-liberta` assoluta għax kien iddominat minn skopijiet u xewqat ta' ħaddieħor minn qabel ma nħoloq.

Ħadd ma jiċħad il-benefiċċji kbar li jsitgħu joħorġu mill-i*stem-cells*. Hemm min jargumenta li hija responsabilita` kbira li r-riċerka dwar il-*cloning* u l-i*stem cells* għandha ssir mil-iktar fis. Anzi tista` tgħid li min iwaqqaf din ir-riċerka se jkun ħati u responsabbli ta' sofferenzi żejda u mwiet li jistgħu jiġu kkawżati min-nuqqas tagħha. Hemm nuqqas serju ta' qbil dwar il-ħtieġa li tintemm il-ħajja ta' l-*embryos* biex jittieħdu minnhom l-i*stem cells*. Hawnhekk irid isir bilanċ bejn il-potenzjal kbir ta' kura għal min hu marid u l-valur tal-ħajja ta' l-embrijoni. Ix-xjenzjati li huma favur li jkomplu bla xkiel ir-riċerka fuq l-*embryonic stem cells* - mhux l-*adult stem cells* - iħossu li m'hemm l-ebda ħtieġa li jsir dan il-bilanċ jekk jintużaw l-embrijoni żejda li huma prodott ta' l-IVF għax fuq dan diġa hemm qbil, għallinqas f'ċerti pajjiżi, li dawn jistgħu jiġu distrutti u allura jiġu distrutti billi twaddabhom *down the drain* jew billi tieħu *stem cells* minnhom. Imma fl-Istati Uniti naraw li mhux permess li jinħolqu *stem cells* ġodda minn embrijoni, iżda huwa permess li x-xjenzjati jaħdmu fuq *stem cells* li kienu diġa' ttieħdu qabel minn embrijoni jew fuq *stem cells* li ma kenux ippreparati fl-Istati Uniti. B'hekk id-deċiżjoni etika dwar il-ħolqien ta' embrijoni għall-iskopijiet ta' l-i*stem cells* ġiet posposta mingħajr ma twaqqfet ir-riċerka. Forsi nistgħu ngħidu li hija deċiżjoni diplomatika li forsi tirrifletti l-komplessita` tal-problema, iżda turi wkoll in-nuqqas ta' min hu konċernat li jerfa` r-

responsabilita` ta' l-akbar problema bioetika li għandna fil-ħajja tal-lum.

Kif għedt qabel dan juwa suġġett kontroversjali u delikat. Huwa delikat għax jittratta dwar il-valuri u r-rispett tal-ħajja umana li huma prinċipji etiċi fundamentali u huwa diffiċli għax m'hemm l-ebda mezz li bih tkejjel il-valur tal-ħajja u tiddefenixxi dak li hu rispett tal-ħajja umana. Din il-problema hija iktar komplessa għax tittratta dwar il-ħolqien tal-bnedmin fost kontroversji ta' x'jikkostitwixxi l-persuna, meta l-*embryo* jista` jitqies bħala persuna u jekk l-embrijoni, il-fetu, it-tarbija wara t-twelid għandhomx kollha l-istess drittijiet għall-ħajja u r-rispett tal-ħajja bħalma għandu bniedem adult. Dawn m'humiex affarijiet li huma strettament objettivi fejn għandna xi mod xjentifiku li jgħidilna meta bdiet il-ħajja umana għax il-ħajja hija kontinwa u lanqas tista` tgħid li bdiet mill-fertilizzazzjoni għax ġejja minn qabel. Hemm kontinwita` tal-ħajja allura m'għandniex mod oġġettiv u dawn huma kollha soġġettivi u influwenzati ħafna minn diversi prinċipji u twemmin, anke twemmin reliġjuż, drawwiet u kultura.

F'dawn il-proċeduri tal-*cloning* u ta' l-i*stem cells* li qed isiru llum ma rridux ninsew li kultant mhux il-punti tajbin kollha huma l-mottiv li qed imexxi l-ħerqa kbira biex issir ir-riċerka għax hemm interessi materjali wkoll. Issa qed nitkelmu fuq ir-riċerka li għad trid issir fuq l-i*stem cells* u fuq il-*cloning*. Hemm interessi, per eżempju, ta' xjenzjati li jaħdmu fl-aqwa ċentri fid-dinja fil-qasam ta' l-*embryonic stem cells* għax hemmhekk hemm taqbida kbira dwar min se jkun ta' l-ewwel biex joħroġ bi skoperti ġodda u min m'għandux jedd jagħmel ir-riċerka m'għandux ċans li jikkompeti. Jiġifieri hemm dak l-element ukoll. Hemm ukoll il-kumpanniji li jiffinanzjaw ir-riċerka. Ħafna mir-riċerka m'hijiex finanzjata mill-gvernijiet imma minn kumpanniji privati, u dawn għandhom interesss. Mhux interess biss għall-avvanz fil-mediċina, imma hemm ukoll interess finanzjarju. Dawn il-kumpanniji jkunu jridu li r-riċerka tagħhom toħroġ mill-iktar fis biex ikunu jistgħu jagħmlu l-profitti minnha u jkopru xi ftit mill-flus li kienu nefqu. Ma rridx ngħid li dan biss huwa li jimmotiva lix-xjenzjati u l-aġenziji l-oħra, imma dan huwa fattur li ma nistgħux niċħduh. Hemm ukoll il-kwestjoni tal-*patents* li jekk tiġi implikata, 'il quddiem tista' twaqqaf l-applikazzjoni ta' ċerti proċeduri għal min ikunu intenzjonati.

Għalkemm illum ir-riċerka f'Malta li tirrigwadja l-bidu tal-ħajja hija limitata ħafna jista` ikun li fil-futur tinfetaħ it-triq biex riċerki bħal dawn isiru f'Malta. Illum m'għandna l-ebda regolament jew liġi li tgħid li ma tistax issir riċerka fuq *embryonic stem-cells* u diġa' hawn xjenzjati Maltin li qed jaħdmu fuq *stem cells* derivati mill-adulti. Imma fil-ġejjieni jista` jitfaċċa xjenzjat kompetenti li jiddeċiedi li jrid jaħdem fuq *embryonic stem cells*. Dan se jkun legalment permess jew le? Se jkun permessibbli li wieħed jesperimenta fuq l-i*stem cells* derivati mill-embrijoni anke jekk ma jkunux ippreparti f'Malta, imma ġew ippreparat f'pajjiżi barranin? Jekk ikun hemm possibilita` definita ta' xi kura li toħroġ mill-i*stem cells* derivati mill-embrijoni jkun permessibbli li din tiġi applikata f'Malta? Dawn huma problemi li llum m'humiex qegħdin magħna imma jistgħu jkunu magħna f'kwalunkwe ħin.

F'dan id-diskors jiena ma esprimejtx l-veduti tiegħi personali dwar dawk il- proċeduri naqbel magħhom u dwar dawk li ma naqbilx magħhom. Dan għamiltu intenzjonalment għax mhux l-interess ġenerali li nallinjaw ruħna ma' naħa jew oħra u nagħmlu minn kollox biex tgħaddi tagħna. Għaliex? Għax hemm ħafna individwi involuti f'din il-problema u fi problemi delikati bħal dawn wieħed ma jistax iħares biss mill-*punto di vista* tiegħu, iżda għandu jqis l-aspetti kollha u jieħu parti f'dibattitu li jwassal biex jittieħdu deċiżjonijiet għaqlin. Nafu li mhux possibbli li deċiżjonijiet u liġijiet ikollhom l-appoġġ ta' kull individwu imma għallinqas għandhom igawdu l-kunsens, fejn huwa possibbli, tal-biċċa l-kbira ta' l-individwi konċernati.

Sur President, staqsewni x'tip ta' bord regolatorju għandu jkun hawn. Nixtieq nagħmel distinzjoni ċara bejn bord regolatorju li għandu l-jedd li jiddefenixxi x'inhu permessibbli u x'huwiex safejn wieħed jista' jasal, u l-*visiting committees* li għamel riferenza għalihom il-Professur Brincat, li jagħmlu *assessment* u jaraw li l-affarijiet isiru skond regoli aċċettati għax dawn huma kompletament differenti. Il-*visiting committees* jaraw li r-regoli li huma diġa' aċċettati u preskritti huma segwiti u allura dak il-laboratorju jew klinika tiġi ċċertifikata li qed issegwi r-regoli stabbiliti. Mentri aħna qegħdin nitkellmu fuq il-ħtieġa ta' bord li jirregola x'se jkunu l-limiti u mhux id-dettalji ta' kif issir il-proċedura għax dik issir minn bniedem li huma kompetenti u minn ċentru li huwa attrezzat sew u jekk ikunu approvati minn dawn il-*committees* allura dak huwa kompetenti, imma safejn jista` jasal il-bord regolatorju. Jekk għandhiex tkun b'liġi jew għandux ikun bord, irrid ngħid li hawnhekk it-tibdiliet tant qed isiru b'pass mgħaġel li l-liġijiet jistgħu jkunu ta' xkiel għax jistgħu jieħdu żmien twil wisq biex jiġu fis-seħħ u allura ma jllaħqux mar-rata ta' l-iżvilupp.

Finalment nixtieq ngħid li hu x'inhu dan il-bord li huwa responsabbli li jieħu d-deċiżjonijiet għandu jirrifletti l-*consensus* li jkun hemm fost il-kategoriji kollha tal-poplu. Ma nistgħux nimxu biss fuq dak li jiġri fl-Ingilterra, fil-Ġermanja jew fil-Belġju. Kull wieħed minn dawn ħa d-deċiżjonijiet tiegħu. Issa aħna għandna diġa` l-*guidelines* minn diversi pajjiżi u allura m'hemmx għalfejn nerġgħu nivintaw ir-rota u nerġgħu nibdew mill-bidu. Hemm dawk l-*guidelines* imma m'humiex kollha l-istess. Issa rridu naraw x'inhu addattat għaċ-ċirkostanzi tagħna, għall-benefiċċju tal-poplu Malti u għall-ħarsien tas-saħħa u l-valuri li jħaddan.

**THE CHAIRMAN**: Grazzi tal-preżentazzjoni tiegħek, pero` xtaqtek tiċċara ftit punt. Inti għedt li minħabba t-tibdiliet mgħaġġla li qed isiru forsi l-liġi tista' tkun ta' xkiel u allura aħjar ikun hemm bord. Imma l-parametri tiegħu fejn se jaslu? Jekk ikun bord qed tgħid li l-parlament se jiddelega r-responsabilita' kollha lill-bord, imbagħad isir kif jgħid hu? Qabel tirrispondini hawn l-Onor. Coleiro li tixtieq iżżid xi ħaġa ma' dak li għedt jien.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: F'ċirkostanzi fejn ikollok evolviment rapidu ta' sitwazzjoni li jkollha bżonn ta' regolamentazzjoni anke f'kontest ta' *framework* legali dejjem hemm il-kwestjoni tad-*delegated legislation.* Imma normalment ma tkunx *delegated legislation* b'responsabilita' diretta li taqa' fuq bord, ħa jkun il-bord konsultattiv tal-ministru, imma jkun il-ministru li jerfa` ir-responsabbilta`. Jiġifieri hemm mod ta' kif il-proċess leġislattiv jitħaffef għax hemm il-*legal notices*.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI**: Forsi m'hijiex il-kompetenza tiegħi li nipprova ngħid jekk għandux ikun bord jew leġislazzjoni. Imma l-punt li rrid nagħmel jiena huwa li forsi ċerti aspetti għandhom żgur ikunu kkontrollati b'liġijiet. Imma wieħed irid iżomm moħħu miftuħ li jista' ikun hemm evoluzzjoni fihom u jħalli lok li jekk ikun hemm bżonn dawn ir-regoli jew liġijiet jiġu riveduti regolarment.

**THE CHAIRMAN**: Biex ma jxekklux il-progress.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** Hekk hu.

**THE CHAIRMAN:** Il-Professur Brincat.

**PROF. MARK BRINCAT:** Sur President, nixtieq ngħid li ma kienx *fair* il-kumment li għadda fuqi l-professur Cuschieri meta qal li fid-diskors tiegħi kont utilitarju. Jien ngħid li kont pragmatiku. Fid-*debate* jiena dħalt fil-*punto di vista* tal-kliniċi prattikanti u naħseb li tajjeb li wieħed iżomm saqajh ma' l-art u jkun pragmatiku u jirrealizza s-sitwazzjonijiet li ngħixu fiha. Jien l-ewwel obbligu tiegħi bilforsi jkun lejn min mhux priviliġġat u lejn il-mard. Dik hi l-ħalfa li ħadt jien u xejn iżjed. Il-bqija ħafna mill-affarijiet li għedt

naqbel magħhom u l-*punto di vista* tiegħi kienet, u nerġa' naċċenna, li għandna bżonn bord regolatorju, imma l-bord regolatorju li jista' jkollna hawn Malta jkun diffiċli għalih *to catch up* mal-bordijiet li diġa' għandna fl-Ewropa. Jien għal niesna nistenna l-medja ta' x'inhu aċċettabbli fl-Ewropa b'modifikazzjonijiet tagħna, skond l-aspett kulturali. Pero' ma naqbilx miegħel meta tgħdi li dak li kkummentajt jien huwa utilitarju. Nixtieq nikkjarifika li pragmatiku mhux utilitarju u għandi kull rispett lejn il-kultura u r-reliġjon ta' pajjjiżi.

**THE CHAIRMAN:** Il-Professur Cuschieri.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** Jien għedt hekk għaliex filwaqt li għandek kull rispett ma ndirizzajtx il-problema ta' fil-fatt …. (Interrruzzjonijiet)

**PROF. MARK BRINCAT:** Ma nistax nindirizza kollox, Mr Chairman.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** Ma tistax tindirizza kollox imma …. (Interruzzjonijiet)

**PROF. MARK BRINCAT**: Jien tajt aspett ta' *debate,* u mhux *fair* tgħid x'nindirizza jew x'ma nindirizzax jien. Jiena tajt aspett ta' *debate,* jekk għandna ġimgħa nippreżentaw ċerti affarijiet nindirizzahom ukoll. Imma mhux tgħid li ma ndirizzajthomx apposta. Dak mhux il-każ. Din hija *hexagon*, jiena *shade* u inti *shade*. Jiena għandi dritt nitkellem fuq affarijiet li ma ġewx indirizzati qabel.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI**: Li tagħti enfasi fuq il-pazjent huwa tajjeb, imma ma nistgħux l-affarijiet l-oħra nwarrbuhom. Issa inti tgħidli li m'intix qed twarrabhom u ma indirizzajthom għax m'għandekx ħin. Imma jien qed ngħid biss li huwa importanti li niddirizzawhom.

**PROF. MARK BRINCAT**: Imma, Mr Chairman, imissu jikkumenta fuq dak li qal hu u x'ħallejt barra jien, għaliex jiena ma kellix ħin nikkumenta fuq kollox. Inti qed tieħu gost tikkummenta għax għandek parti mill-*jigsaw puzzle,* issa tiegħi hija parti mill-*jigsaw puzzle,* tiegħek hija parti oħra imma li tgħid li l-*jigsaw puzzle* tiegħi kellu jkollha l-biċċiet tiegħek u jiena ma poġġejthomx m'intix qed tkun *fair*.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI**: Jien m'għedtlekx li inti nqast, anzi jien qiegħed ngħid li aħna rridu nħarsu lejn l-aspetti kollha.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Coleiro.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Naħseb li din it-tip ta' argumentazzjoni tirrifletti d-dilemma li għandna fuq dan is-suġġett, fejn hemm parti li hija purament legalistika u medika, imma hemm l-aspett l-ieħor morali. Jiġifieri hija, biex ngħid hekk, dilemma sħiħa ta' dan is-suġġett f'dan il-kumitat. Is-separazzjoni ta' l-affarijiet se tkun importanti wkoll biex anke aħna naslu għal xi deċiżjonijiet, għax din se tkun il-mira ta' dan il-kumitat, fuq xi tip ta' rakkmandazzjonijiet lill-parlament.

**PROF. MARK BRINCAT**: Hemm l-aspett uman l-ewwel u qabel kollox.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Hekk hu. Jiena sejjaħtlu mediku, forsi m'għandix it-terminoloġija preċiża. Prof. Cuschieri tkellem ħafna fuq jekk għandux ikun hemm leġislazzjoni, regolamentazzjoni, eċċ. U forsi ridt inwaddab fuq il-mejda għad-diskussjoni jew għal min hu aktar informat il-kwestjoni tad-drittijiet ta' l-*embryos.* F'leġislazzjonijiet ta' pajjiżi oħra dawn id-drittijiet jidħlu f'parti minn *children's act,* mhumiex f'leġislazzjonijiet għalihom waħedhom. Jiġifieri ma nafx jekk il-professur Cuschieri meta kien qed jgħid għandhiex isisr leġislazzjoni jew le kienx qiegħed jaħseb f'leġislazzjoni li fiha tiġbor dan il-qasam b'mod ħolistiku jew inkella mbagħad ikollha partijiet minnha li jistgħu jidħlu f'xi *potential children's act* li għad irid ikollna u li trid tħares lejn jekk l-*embryo* għandux ikollu drittijiet jew le.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI**: Hemm diversi aspetti tad-drittijiet, skond xi drittijiet huma. Aħna hawnhekk qed nitkellmu biss dwar id-dritt għall-ħajja, jekk hemmx id-dritt għall-ħajja jew le. Il-leġislazzjoni tista' tkun differenti minn xi drittijiet oħra li jista' jkollu l-*embryo* għad-drittijiet ta' kura li, per eżempju, tista' tieħu jew li tista' tirrifjuta li tieħu l-omm, li hija distinta minn din. Hawnhekk qed nitkellmu purament dwar jekk il-qtil jew li niddisponu minn embrijoni hijiex ħaġa aċċettabbli jew le.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jien naħseb li l-kwestjoni tad-dritt tal-ħajja lanqas huwa kontestat. F'dan il-parlament iż-żewġ naħat tal-Kamra nipprofessaw li aħna favur id-dritt tal-ħajja. Jiġifieri definittivament ma naħsibx li din hija kwestjoni għad-diskussjoni. Tant hu hekk, li anke meta ġejna fin-negozjati ….. (Interruzzjonijiet)

**THE CHAIRMAN:** Fil-parlament iva, imma f'dan il-kumitat kien hawn veduti differenzi dwar minn fejn tibda l-ħajja.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Imma aħna llum marbutin ukoll, anke meta ġejna għad-diskussjoni u trattat ta' l-Unjoni Ewropea, b'dikjarazzjoni li hija *part and parcel* li għandha l-*legal standing* fuq il-kwestjoni ta' l-abort. Jiġifieri meta qed nitkellmu fuq id-dritt tal-ħajja jew le ta' l-*embryo* qed nitkellmu fuq abort jew le. Jiena t-terminoloġija tagħkom ma tantx nifhimha. Il-ħin kollu nistaqsi lil Dr. Chircop biex jispjegali daqsxejn f'*lay people's language.* Naħseb li jkun importanti li dan li se joħroġ minn dan il-kumitat jiġi rrapportat fil-*media in lay people's terms* għaliex intom tiftiehmu bejnietkom, imma aħna mhux qed nindirizzaw nies tal-fakulta' tal-mediċina iżda lill-poplu Malti u Għawdxi.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI**: Fil-fatt inti qed turi li għallinqas fuq ċerti punti hemm ċertu ammont ta' qbil. (Interruzzjonijiet) Fuq prinċipju bażiku. Issa wieħed irid iħares lejn l-implikazzjonijiet kollha, imma fejn hemm bażi ta' qbil li għandu l-approvazzjoni tista' tgħid il-biċċa l-kbira tal-poplu diffiċli biex tagħmel *assessment.* Imma jekk ikun hemm, kif qed tgħid inti, qbil bejn iż-żewġ naħat tal-kamra allura nistgħu neħduha li dik hija rappreżentattiva biżżejjed. Aħna li qed infittxu huwa *consensus*. Dak li għandna nfittxu, il-*consensus* ta' dak li huwa aċċettabbli u mhux isir bħalma kien sar fl-Istati Uniti fil-każ ta' *embryonic stem cells*, li nħalluhom u nippermettu l-affarijiet li jsiru mingħajr ma nieħdu deċiżjonijiet.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Galea.

**ONOR. FRANCO GALEA:** Il-bieraħ it-tifla tiegħi li twieldet fl-1994 sabet karta - aħna għandna *file* fuq it-tfal tagħna li fih żammenja sa l-iċken ħaġa, meta morna għand il-*gynaecologist*, eċċ. eċċ. - li fiha kien hemm data ta' xi sena qabel għax waqt il-viżti li konna nagħmlu l-*midwife* ħadet żball u niżżlet id-data ta' l-1993 li hija ħafna qabel ma twieled il-*baby*, ħafna qabel id-disa' xhur kienet id-data. Meta rat hekk t-tifla tiegħi tħarbtet, waqgħet dalma fuq wiċċa u kważi kważi bdiet tibża' *that she wasn't who she was meant to be.* Voldieri għal mument bdiet taħseb li hi mhijiex it-tifla tagħna, u dan minħabba żball li ħadet il-*midwife* meta kitbet dik il-karta partikolari fuq data. Issa din kulma hi tifla ta' għaxar snin.

Forsi wieħed jgħidli: Imma biex ġej? Jien qed nirrifletti fuq mistoqsija to Dr Michael Asciak dwar il-kwesjtoni ta' *sperm donors.* Dawk il-koppji li huma sfortunati li ma jistax ikollhom it-tfal jistgħu jsibu mezzi oħra u alla ħares ma jistgħux jiġu mgħejjuna, għax immaġina familja mingħajr ulied kemm tgħaddi minn problemi. Iżda qed nikkonsidraw id-drittijiet ta' dawn it-trabi li jitwieldu minn *sperm donors* għax imbagħad hemm il-kwestjoni tal-parternita', tad-DNA? Dawn it-trabi għandhom dritt li jkunu jafu li parti mid-DNA tagħhom ġie *donated* lill-familja? Dik hija waħda mill-kwestjonijiet li jien naħseb li tista' tinqala`. It-tifla tiegħi sempliċiment fuq data żbaljata tħarbtet aħseb u ara x'jista` jiġrilhom dawn it-tfal li *at a later stage in life*

jista` ikollhom bżonn xi test mediku u għal xi raġuni jew oħra *they come across a DNA test* u jindunaw parti mid-DNA tagħhom ġie *donated.* Kif se nipproteġu l-futur tagħhom? Dan hu l-ikbar gwaj li jien qed nara *at this stage.* Dan mhux bħalma meta tifel ġie adottat, għandu r-*records* li ġie adottat. Dan ġie xi ħadd ta *donation….* (Interruzzjonijiet) Forsi m'iniex intiż biżżejjed, nixtieq li xi ħadd jilluminani ftit.

**THE CHAIRMAN:** Il-professur Brincat**.**

**PROF. MARK BRINCAT**: Dawn l-affarijiet hemm esperjenza fuqhom, mhumiex affarijiet *in isolation.* Din forsi sorpriża għalik għax ġejt wiċċ imb'wiċċ ma' sitwazzjoni bħal din. Pero' mit-*training* tagħna dawn affarijiet huma studjati ħafna. Bir-rispett kollu lejn Dr Asciak, forsi inqastu, aħna nirrealizzaw li huma affarijiet serji, pero` hemm *body* ta' studji fuqhom dawn l-affarijiet. Issa aħna qed nisperaaw li x-xjenza tiċċaqlaq u l-użu ta' *donors* jonqos. Illum il-ġurnata għandna ħafna esperjenza ta' l-addozzjoni, pero` hawn ukoll esperjenza vasta ħafna b'*donor gametes.* Hawn ħafna studji li mhux se noqgħod nidħol fid-dettalji tagħhom. Jien evitajt ħafna li noqgħod nippronunċja opinjonijiet tiegħi. Imma l-affari hi li huwa importanti ħafna li nimxu mal-*generalisation,* mal-*body of knowledge* u mhux naqbdu wieħed għaliex forsi kien *depressed* jew għax forsi kellu l-ħajja diffiċli u ried ikun jaf min hu missieru għaliex kien *donor.* L-esperjenza ta' *donor sperm* u *donor gametes* hija waħda feliċi ħafna bħalma hi l-esperjenza ta' *adopted children* in ġenerali. Pero' dejjem għandek il-periferiji fil-mediċina. Issa għandna l-*psychologists* li huma trejnjati. Dan id-dibattitu huwa *on-going.* Il-llum jgħidu aħjar tinforma tifel jekk hux addottat jew jekk hux *donor sperm* mill-bidu. Pero' l-*body of knowledge* jeżisti u l-uniku appell li qed nagħmel huwa li ma naqbdux nivvintaw l-affarijiet aħna għaliex ġietna f'moħħna u realment irridu niċċelebraw kollox aħna, imma nimxi mal-medja tal-*body of knowledge* li huwa aċċettabbli. Mhux qed ngħid li mmorru għall-estrem imma mmorru għall-medja biex ma nagħlqux bibien *unnecessarily* sempliċement għax aħna nibżgħu minn ċerti okkażjonijiet. Jekk noqogħdu nidħlu f'dibattitu x'se jaħseb it-tifel la jikber m'aħna se nispiċċaw qatt. Il-*body of knowledge* jeżisti, irridu npoġġu bil-qiegħda u niddeċiedu x'se naċċettaw f'dik it-*thrust* jew le. Dik hi.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Coleiro.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** *We have to have a legal framework for this,* bħalma għandha *legal framework for an adopted child.* Jiġifieri hemmhekk lanqas jibqgħu affarijiet mediċi imma jsiru affarijiet legali.

**THE CHAIRMAN:** Il-professur Cuschieri.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** L-i*sperm donors* kien hemm żmien - u naħseb li għadha fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi - li dawn jibqgħu anonimi biex ħadd ma jkun jaf min ta l-i*sperm* u l-ulied ma jkunux jafu lanqas. Imma llum l-ħsebijiet tbiddlu. Fil-ħajja tal-lum qed ikun hemm domanda mill-individwu li jiġi imwieled bħala riżultat ta' *donated sperm* jew *ovum* u jrid ikun jaf min hu missieru bioloġiku jew min hi ommu bioloġika. (Interruzzjonijiet)

**PROF. MARK BRINCAT**: Imma dik m'hijiex ir-regola.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI**: Imma mhux kollox eċċezzjoni. Illum hemm domanda għaliha. Allura għaliex il-leġislazzjoni kienet li dawn għandhom ikunu anonimi dik hija bilfors ħaġa tajba jew llum wasal iż-żmien li dik tiġi riveduta?

**PROF. MARK BRINCAT**: Ara x'qed jagħmel ħaddieħor u mbagħad naraw x'inhu l-aħjar għall-esiġenzi tagħna.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** Jien ma naħsibx li għandna naraw x'qed jagħmel ħaddieħor biss. (Interruzzjonijiet) Le, mhux nivvintawhom aħna. Jien ma nistax nifhem

x'inhi l-medja, għaliex meta għandek ħaġa tippermettiha jew ma tippermettihiex m'hemmx medja fiha. Hemm min jippermettihom, hemm min mhuwiex, inti x'se tagħmel?

**PROF. MARK BRINCAT:** Min qallek li m'hemmx medja, hemm protokolli sħaħ fuqha. Imma rridu nagħlquhom, nippretendu li taparsi ma nafux biex nagħmlu l-affarijiet tagħna.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** Mhux nagħlquhom, għaliex meta qed nitkellmu fuq *sperm donation* għandhiex tkun permessa jew le ..... (Interruzzjonijiet)

**PROF. MARK BRINCAT:** Imma għaliex m'għandhiex tkun permessa.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** Wieħed irid iqishom dawn. Imma aħna ma nistgħux inħarsu biss lejn x'għamlu l-pajjiżi l-oħra. min aċċettaha u min ma aċċettahiex. M'hemmx triq tan-nofs fiha. Irridu naraw l-argumenti kollha u nieħdu d-deċiżjonijiet għalina.

**PROF. MARK BRINCAT:** Ir-raġunijiet m'għandhomx ikunu ta' konvenjenza biex ma naċċettawx l-affarijiet. Jiddispjaċini li ma smajt xejn pożittiv fuq l-aspett ta' *donor*. Qishom dawn il-ħafna *babies* li twieldu ma jeżistux. Xejn pożittiv, ħlief *gloom, gloom* u *doom* ma smajniex. Ir-realta' mhijiex hekk. Dawn huma *babies* ħelwin u adulti *adjusted* u normali, 90% jew 99%. Għalfejn għandna nagħlqu l-bibien? Għalfejn għandna nagħlqu ċ-ċwievet.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** Ma nafx għaliex il-Professur Brincat qed jinterpreta dan bħala negattiv.

**PROF. MARK BRINCAT:** Ma smajt xejn pożittiv. Qed inħalltu l-finanzi max-xjenza.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** Le mhux inħalltu l-finanzi max-xjenza. Huwa fatt li hemm interessi finanzjarji. (Interruzzjonijiet) Le, mhux m'għandux x'jaqsam.

**PROF. MARK BRINCAT:** Hemm l-etika tal-finanzi u hemm l-etika tax-xjenza. Imma ż-żewġ affarijiet huma differenti. Tkellem fuq l-etika tal-finanzi jekk trid.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** Ħalli nitkellmu fuq id-*donation* ta' l-i*sperms*. Jiena matkellimtx kontra tagħha għaliex min bl-ebda mod ma jista` jipproduċi l-i*sperms* tiegħu naraha li hija ħaġa li għandha ssir. (Interruzzjonijiet) Imma dik hija kwestjoni li esprimejt l-opinjoni tiegħi personalment. Ma jfissirx li dik għandha tkun ir-regola għax wieħed irid jara x'jaħseb ħaddieħor. Fil-fatt nafu li *sperm donation* saret hawn Malta. *Ovarian donation* ma nafx saritx imma *sperm donation* nafu li saret. Issa dawn għandhom id-dritt li jkunu jafu min hu missierhom jew le? Ma nistgħux ngħidu li jekk kien hemm *sperm donation* kien illegali. Imma dak l-invidwu li twieled b'riżultat ta' *sperm donation*, hawn Malta għandu dritt ikun jaf min huma l-ġenituri bioloġiċi tiegħu?

**PROF. MARK BRINCAT:** Imma l-istorja mhux fuq żmienha timxi! Tajba din! Henry VIII kellu dritt joqtol lill-Kattoliċi? Dażgur li ma kellux, imma hekk ried jagħmel hu. Mhux qed ngħid li jekk hux tajjeb jew ħażin. L-istorja ma tistax tiġġudikaha bil-morali tal-lum, trid tiġġudika bil-morali li kien hemm dak iż-żmien prevalenti. (Interruzzjonijiet) Jekk 50 sena ilu d-*donation* kienet magħmula b'dak il-mod, l-istorja b'dak li kien hemm dak iż-żmien trid tiġġudikaha. Kien hemm ħafna affarijiet li llum aħna nsibu mhux aċċettabbli fil-kultura tagħna.

**THE CHAIRMAN:** Hemm aktar domandi? L-Onor. Azzopardi.

**ONOR. FREDERICK AZZOPARDI**: Naħseb li Ilkoll qed naqblu li saret revoluzzjoni f'dan il-qasam. Issemmew ukoll il-valuri u r-rispett tal-ħajja. Allura qed ngħidu li dak li kien etikament inaċċettabbli qed isir aċċettabbli jew forsi qed naġġornaw

għall-bżonnijiet tal-lum? Xtaqt li forsi wieħed jelabora daqsxejn.

**PROF. MARK BRINCAT:** Mhijiex kwestjoni ta' etikament aċċettabbli jew inaċċettabbli. Din hija kwestjoni ta' evoluzzjoni.

**DR. PIERRE MALLIA:** Ovvjament isiru ċertu studji fuq familji li jkunu għamlu dawn it-tip ta' proċeduri u nitgħallmu anke bl-esperjenza, per eżempju, f'liema eta' wieħed għandu jgħid lit-tfal. Imma din hija l-istess problema bħal meta tadotta tifel. *It is the same thing*. Jekk familja se taċċetta *sperm donation* u jiena bħala tabib nara familji bi problemi u m'għandi xejn moralment kontriha… Dan l-aħħar kien hemm każ fuq il-programm "Tista' Tkun Int" fejn tifel Brażiljan ħaduh lura l-Brażil biex jara lill-omm. Jien għandi iktar problema morali fuq dik, li inti ħadt tifel mingħand omm għax ma kellhiex il-finanzi biex trabbihom - flok tajniha l-finanzi biex trabbi t-tfal, le, biegħet u ma nafx min għamel profitt *in the process* - milli tadatta *a fertilised ovum.* Jien kattoliku daqs kulħadd imma naħseb li anke fil-Knisja Kattolika għandna naraw djalogu qawwi u serju fuq dawn l-affarijiet. Ma rridux nkunu moħħna magħluq li ngħidu s'issa il-knisja qablet "hekk" mela aħna rridu nagħmlu "hekk" bilfors. Aħna kellna din il-problema meta fil-*bioethics committee* għamilna dibattitu fuq l-*emergency contraception.* Kien hemm domanda u spiċċajt emarġinajt ruħi u għedt mela tnax-il sena ta` esperjenza ta' bioetika u Ph.D kollha *down the drain*. Jiena esprimejt ruħi u għidtilhom li l-*emergency contraception* hija problema serja u wieħed irid jaraha u ma tistax taqbad tgħid għax hemm ċans żgħir li jkollok *fertilised egg* li tiġi abortita. Allura din *is an abortifacient.* Tfajniha *down the drain* mingħajr lanqas biss studjajniha din il-ħaġa. Imissa għedna għandna domanda min-naħa tal-*gynaecoligist department,* għandna ħafna nies barranin jiġu hawn Malta *asking for emergency contraception,* ejja naraw id-dokumenti u naraw x'inhuma l-problemi morali. Fil-fatt jien qrajthom id-dokumenti. Rajt li f'ħafna dokument kontra *emergency contraception* - l-fatt *I share* ħafna minn dak li qrajt ma' Prof. Agius u tkellimna ħafna fuqu - u spiċċajt ippubblikat paper fuqha *in favour of the emergency contraception* fejn inħoss li l-knisja għandha tiddjaloga ħafna iktar fuqha din. Għaliex? Għax l-argumenti li kienu ħarġu bihom *The British Episcopol Conference* huma *quanitative rather than qualitative arguments*. Jiġifieri aħna ma rridux noqogħdu biss fuq x'jgħidu l-barranini. Għandna moħħ u nistgħu naħsbu, pero' hemm ħafna affarijiet x'wieħed jista' jgħid pero' ma rridx niftaħ fuqhom illum. Imma l-problemi morali ma rridux noħolquhom aħna rridu jkunu verament problemi morali serji. Jien naħseb li jekk bniedem adotta - jien qed nassumi li kien hemm liġi li tippermetti lil xi ħadd jadotta *donation of sperm* jew *donation of ovum* - imbagħad hija ovvja li t-tifel għandu dritt jkun jaf min huma l-ġenituri tiegħu. U l-ġenituri mhux bioloġiċi għandhom l-obbligu u d-dmir li fi żmien li jkun tajjeb psikoloġikament għal dik it-tarbija jgħidulu.

**PROF. MARK BRINCAT:** *We stand on the shoulders of giants*, din hi l-espressjoni. Jiġifieri mhux għax xi ħaġa ma kenitx aċċettata qabel nibqgħu ma naċċettawhiex. Illum għandna saff ta' saff ta' saff ta' *knowledge*. Illum aħna din qed naċċettawha, għoxrin sena ilu le. L-istorja hekk hi. Irridu niġġidukaw fuq x'kienet il-prassi dak iż-żmien. Fuq trid tiġġudika. Minn hawn 'l quddiem irrid naraw.

**PROF. ALFRED CUSCHIERI:** Jien kont se ngħid preċiżament li ħaġa li llum hija mhijiex aċettabbli, għada tista' ssir aċċettabbli. Fil-fatt naraw li din ġrat fil-prattika. Matul l-istorja kollha tal-bioteknoloġija kollox kien hemm. Fuq l-*in vitro fertilisation* darba kien kjass sħiħ. Kulħadd kien jgħid li m'għandhiex issir, imma llum hija aċċettata u ħadd ma jgħid li din m'għandhiex issir, jew kollu kien abbuż. Illum aċċettata u daqshekk.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jien irrid ngħid xi ħaġa biex inkompli ma' dak li qal Dr Pierre Mallia fuq il-kwestjoni tad-*donation*. Meta għandek *adoptive parents* id-dettalji tal-*birth parents* huma miżmuma f'kunfidenzjalita' kbira. Pero' hemm mument fejn l-*adopted child* għandha dritt li ssir taf. Naħseb li akne fil-każ ta' *sperm donation* għandu jkun hekk. X'inhi d-differenza? Minflok ġiet tarbija addottata ta' ċerta eta' hemm il-kwestjoni, biex ngħid hekk, ta' *adoption* ta' *embryo.* Diġa` hemm *legal framework* għall-*adoption* dwar liema mod etiku wieħed jiskopri min huma l-*birth parents*. Jiġifieri diġa' għandna qisu *guidelines* ta' kif nistgħu naġixxu.

**THE CHAIRMAN:** Jidher li għal-lum se jkollna niefqu hawhekk għax is-suġġett huwa vast ħafna u ma naħsibx li se jkunu lestejna d-diskussjoni kollha fuqu llum. Fil-fatt se jkollna numru ta' seduti oħra dwar dan is-suġġett. Aħna ma niddejqu xejn li jkun hemm *debate* u ma ddejjaqna xejn li jkun hemm opinjonijiet diverġenti, anzi hekk nieħdu gost.

Għalhekk nirringrazzja lill-Professur Brincat u lill-Professur Cuschieri tal-preżentazzjonijiet interessanti li għamlulna. Niskużi ruħi ma' Dr Mallia li kellux ċans jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu, pero` se jkollu ċans jagħmilha darba oħra.

*Fid-9.10 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar, 2005 b'din l-aġenda:-*

> Il-Bioteknoloġija f'Malta u d-Drittijiet tal-Bniedem (Kontinwazzjoni) - Prentazzjonijiet minn Prof. Alex Felice (*Professor of Molecular Genetics),* minn Dr Josie Muscat (*Director of St. James Hospital*) u minn Dr. Michael Micallef, MD FFRRCSI.